# EUROJUST

## Ir-Rapport Annwali tal-2012



© Eurojust, 2013

Din il-pubblikazzjoni tkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012

Catalogue number: QP-AA-13-001-MT-C
ISBN: 978-92-95084-39-1
ISSN: 1831-4341
DOI: 10.2812/53783

*For enquiries*:

Phone: + 31 70 412 5000
E-mail: info@eurojust.europa.eu
Website: www.eurojust.europa.eu

# Rapport Annwali 2012



Il-viżjoni tal-Eurojust għandha titqies bħala
fattur ewlieni u ċentrali tal-għarfien espert
fil-livell tal-ġudikatura fil-ġlieda kontra l-kriminalità
transkonfinali organizzata fl-Unjoni Ewropea

# Il-werrej

In-nota dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust 5
Il-lista ta' akronomi 5
Il-prefazju 7
Is-sommarju eżekuttiv 8

L-10 anniversarju tal-Eurojust 10

*Iċ-ċelebrazzjonijiet fi Nieuwe Kerk u Ridderzaal, is-27 u t-28 ta' Frar 2012* 11
*Iż-żjara tal-Maestà Tagħha r-Reġina Beatriċe tal-Pajjiżi l-Baxxi* 11

**1 L-ATTIVITAJIET OPERATTIVI 14**

1.1 L-introduzzjoni 15

1.2 Harsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet 15

*Il-problemi ġenerali u l-aħjar prattiki fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust* 15
*Il-laqgħat ta' koordinazzjoni* 16
*Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni* 17
*L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust* 18
*Il-Konvenzjonijiet ta' Assistenza Legali Reċiproka* 19
*Il-kwistjonijiet rigward il-ġbir u l-ammissibilità tal-evidenza* 19
*Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni* 20
*It-trasferiment ta' proċedimenti kriminali* 20
*L-iskambju tal-kondotti* 21
*Il-Mandati ta' Arrest Ewropej* 22
*L-ordnijiet ta' ffriżar* 24
*Il-konfiska u l-irkupru ta' assi* 24
*Il-kunsinni kkontrollati* 25

1.3 Harsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-Eurojust f'oqsma prijoritarji tal-kriminalità 25

*It-terroriżmu* 25
*It-traffikar ta' droga* 27
*It-traffikar tal-bnedmin* 27
*Frodi* 29
*Il-korruzzjoni* 30
*Iċ-ċiberkriminalità* 30
*Il-ħasil tal-flus* 31
*Il-grupp tal-kriminalità organizzata (mobbli)* 31
*L-immigrazzjoni illegali* 33
*Ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE* 33
*Il-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal fil-Eurojust – Ir-reati kontra t-tfal* 35

1.4 It-timijiet ta' investigazzjoni konġunta 36

*L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust għall-operazzjonijiet tal-JIT* 37

1.5 Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet li involva Stati terzi 38

*Il-Prosekuturi ta' Kollegament minn Stati terzi sekondati lill-Eurojust* 39

1.6 Il-Eurojust u n-netwerks ta' dawk li jaħdmu fil-qasam 40

*In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew* 40
*In-Netwerk tal-JITs* 40
*In-Netwerk tal-Ġenoċidji* 40

2 IR-RELAZZJONIJIET MAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U L-IMSIEĦBA ....... 42

2.1 Ir-relazzjonijiet istituzzjonali ....... 43

*Il-Parlament Ewropew* ....... 43
*Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* ....... 43
*Il-Kummissjoni Ewropea* ....... 43

2.2 Ir-relazzjonijiet ma' netwerks ta' dawk li jaħdmu fil-qasam ....... 44

*In-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju* ....... 44
*Il-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE* ....... 44

2.3 L-aġenziji u l-korpi tal-UE ....... 45

*Il-Europol* ....... 45
*L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi* ....... 45
*Il-Frontex* ....... 46
*Is-CEPOL* ....... 46

2.4 Ir-relazzjonijiet ma' Stati terzi u ma' organizzazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea ....... 46

3 ID-DEĊIŻJONI TAL-EUROJUST U L-ĠEJJIENI ....... 48

3.1 L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust ....... 49

3.2 Is-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar l-implimentazzjoni prattika u t-tħaddim fl-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet dwar il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ....... 49

3.3 It-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust ....... 50

3.4 Il-konferenza fuq *Għaxar snin tal-Eurojust, kisbiet operazzjonali u sfidi tal-ġejjieni* ....... *50*

4 L-IŻVILUPPI AMMINISTRATTIVI ....... 52

4.1 L-iżviluppi amministrattivi ....... 53

4.2 L-aċċess pubbliku għad-dokumenti ....... 53

5 IS-SEGWITU GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL ....... 56

ANNESS: L-ISTATISTIKI GĦALL-2012 ....... 58

*Figura 1 – L-evoluzzjoni tal-każijiet 2002-2012* ....... 59
*Figura 2 – Il-każijiet bilaterali/multilaterali għal kull Desk Nazzjonali 2012* ....... 59
*Figura 3 – Il-każijiet miftuħin/magħluqin 2003-2012* ....... 60
*Figura 4 – Il-klassifikazzjoni ġenerali tal-każijiet* ....... 60
*Figura 5 – It-tipi ta' reati ta' prijorità f'każijiet tal-Eurojust* ....... 61
*Figura 6 – It-tipi ta' reati prijoritarji u tipi oħrajn ta' reati f'każijiet tal-Eurojust* ....... 61
*Figura 7 – Il-każijiet tal-Eurojust – il-pajjiżi li jagħmlu talbiet* ....... 62
*Figura 8 – Il-każijiet tal-Eurojust – il-pajjiżi li sarulhom talbiet* ....... 62
*Figura 9 – In-numru totali ta' laqgħat ta' koordinazzjoni* ....... 63
*Figura 10 – Il-laqgħat ta' koordinazzjoni – il-pajjiżi li jagħmlu talbiet* ....... 63
*Figura 11 – Il-laqgħat ta' koordinazzjoni – il-pajjiżi li sarulhom talbiet* ....... 64

# In-nota dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust

F'dan ir-rapport, id-Deċiżjoni tal-Eurojust – id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, ser tissejjaħ id-"Deċiżjoni tal-Eurojust".

Verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, imħejjija mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal skopijiet ta' informazzjoni biss, hija disponibbli mill-websajt tagħna fuq www.eurojust.europa.eu.

# Il-lista ta' akronomi

| | |
|---|---|
| CMS | Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet |
| EAW | Mandat ta' Arrest Ewropew |
| OIE | Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew |
| ENCS | Sistema Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Eurojust |
| EPPO | Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew |
| JIT | tim ta' investigazzjoni konġunta |
| LoR | Talba għal Assistenza Legali |
| MLA | assistenza legali reċiproka |
| OCC | Koordinazzjoni tal-Għassa |
| OCG | grupp tal-kriminalità organizzata |
| OCTA | Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata |
| TE-SAT | Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu |
| TFEU | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat ta' Lisbona) |
| THB | traffikar tal-bnedmin |



Is-sħubijiet b'saħħithom huma l-bażi
għall-progress lejn l-għajnuna biex
jintlaħqu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini għal
Ewropa aktar sigura, aktar ħielsa u aktar ġusta

# Il-prefazju

Bi pjaċir nippreżenta l-ħdax-il rapport annwali, li jistħarreġ l-attivitajiet operazzjonali, l-iżvilupp organizzazzjonali u r-relazzjonijiet ta' sħubija tal-Eurojust fl-2012.

Il-Eurojust tagħmel progress issoktat fl-appoġġ u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-Istati Membri meta jindirizzaw każijiet serji ta' kriminalità transkonfinali.

L-għodod uniċi tal-Eurojust, il-laqgħa dwar il-koordinazzjoni u ċ-ċentru ta' koordinazzjoni, spiss jintużaw u huma apprezzati minn dawk li jaħdmu fil-qasam biex iħaffu operazzjonijiet, jiffaċilitaw segwitu ġudizzjarju immedjat, u jsolvu diffikultajiet legali u prattiċi li ġejjin mid-differenzi fit-30 sistema legali fl-Unjoni Ewropea.

Ta' min jixħet dawl fuq ix-xejriet u r-riżultati pożittivi tat-timijiet ta' investigazzjoni konġunta, strument ta' kooperazzjoni li jħaddem il-prinċipji ta' rikonoxximent reċiproku u fiduċja reċiproka. Il-Eurojust kburi li huwa forza primarja fit-tħaddim b'suċċess tat-timijiet ta' investigazzjoni konġunta, billi jassisti b'konsulenza esperta, jilqa' s-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs u permezz tal-Proġett tagħna ta' Finanzjament tal-JITs.



Il-Eurojust jibqa' sod fl-impenn tiegħu li jindirizza l-prijoritajiet tal-UE fil-kriminalità b'mod koordinat, koerenti u komprensiv u jressaq lill-awturi quddiem il-ġustizzja, filwaqt li jaħdem flimkien mal-Europol u aġenziji oħrajn tal-ĠAI u atturi ewlenin fil-qasam.

Ir-rapporti strateġiċi tal-Eurojust dwar it-traffikar ta' droga u t-traffikar tal-bnedmin, disponibbli fuq il-websajt tal-Eurojust, jixħtu dawl fuq id-diffikultajiet ewlenin li jinqalgħu fl-iskambju ta' informazzjoni, f'koordinazzjoni ta' sforzi, fl-għoti ta' assistenza legali reċiproka u fl-applikazzjoni ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, u joffru soluzzjonijiet biex jingħelbu l-problemi identifikati.

Il-bidliet miġjuba mid-Deċiżjoni tal-Eurojust isaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Eurojust u r-rabtiet tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri. Is-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi fl-Istati Membri dwar id-Deċiżjoni tal-Eurojust, li bdew f'Mejju 2012, ser jipprovdu l-impetu biex tiġi implimentata bis-sħiħ u ser jgħinu biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-aħjar prattiki.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU), il-Eurojust kompliet ukoll bil-ħidma ta' riflessjoni tagħha fuq il-prospetti għat-tisħiħ ulterjuri tal-Eurojust, kif ukoll il-possibbiltà tal-ħolqien ta' uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew "mill-"Eurojust, f'fora differenti.

Matul din is-sena memorabbli, il-Eurojust iċċelebrat l-10 anniversarju, jien ġejt elett President tal-Eurojust f'April, u s-Sur Carlos Zeyen, Membru Nazzjonali għal-Lussemburgu, ġie elett Viċi President f'Mejju.

Meta nħarsu lura tul l-aħħar 10 snin ta' kisbiet, nintebħu li Eurojust "qabad it-triq" sew. Fil-kapaċità tiegħi bħala President tal-Eurojust, filwaqt li nantiċipaw il-ġejjieni u l-isfidi l-ġodda li ġejjin, l-esperjenza u l-kompetenza tagħna jagħtuna l-kunfidenza biex nesploraw u nilħqu l-potenzjal tagħna.



***Michèle CONINSX***
*Il-President tal-Eurojust*

# Is-sommarju eżekuttiv

In-numru ta' każijiet li fihom l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali żdiedet b'6.4%, mill-1 441 każ tal-2011 għal 1 533 każ fl-2012.

L-iżvilupp tar-rwol ta' koordinazzjoni u tħaffif tal-Eurojust huwa spjegat hawn taħt:

- In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni fl-2012 kien ta' 194, tnaqqis żgħir mill-204 tal-2011, li possibilment jirrifletti użu iktar effiċjenti tal-għodda tal-laqgħa ta' koordinazzjoni.
- In-numru ta' ċentri ta' koordinazzjoni baqa' l-istess bħall-2011, jiġifieri sebgħa.
- L-involviment tal-Eurojust fit-twaqqif tal-JITs żdied bi 42%, billi tela' għal 47 meta mqabblin mat-33 tal-2011.
- Ġie osservat użu ta' dawn l-għodod ta' koordinazzjoni f'daqqa.
- In-numru ta' każijiet irreġistrati dwar l-eżekuzzjoni ta' Mandati ta' Arrest Ewropej kien ta' 259.
- Ġie osservat involviment imsaħħaħ tal-Prosekuturi ta' Kollegament tal-Eurojust, b'mod partikolari fir-rigward tan-Norveġja.
- Fl-2012, ix-xogħol tal-Eurojust fuq każijiet żdied fl-oqsma prijoritarji tal-kriminalità tal-UE fl-oqsma li ġejjin: frodi; traffikar ta' droga; grupp tal-kriminalità organizzata (mobbli); ħasil tal-flus; traffikar tal-bnedmin; ċiberkriminalità; terroriżmu; korruzzjoni; u immigrazzjoni illegali.
- Il-Eurojust ippubblika żewġ rapporti strateġiċi fl-2012, it-tnejn li huma ġew ippubblikati f'dak iż-żmien bħala dokumenti tal-UE:
  - *Enhancing the work of Eurojust in drug trafficking cases (Tisħiħ tax-xogħol tal-Eurojust f'każijiet ta' traffikar tad-drogi),* li jixħet dawl fuq il-kumplessità tal-attivitajiet meħtieġa għall-koordinazzjoni ta' każijiet ta' traffikar ta' droga ta' livell għoli; u
  - *Eurojust's Action against Trafficking in Human Beings: Final Report and Action Plan for 2012 – 2016 (L-Azzjoni tal-Eurojust kontra t-Traffikar tal-Bnedmin: Ir-Rapport Finali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-2012 – 2016).*

## Kulleġġ tal-Membri Nazzjonali, Marzu 2013



*Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin:* Laima Čekelienė, LT; João Manuel Da Silva Miguel, PT; Robert Sheehan, IE; Francesco Lo Voi, IT; Raivo Sepp, EE, Viċi-President; Michèle Coninsx, BE, President; Carlos Zeyen, LU; Viċi-President; Donatella Frendo Dimech, MT, Lampros Patsavellas, EL, Mariana Lilova, BG; Gunars Bundzis, LV;

*Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin:* László Venczl, HU; Francisco Jiménez-Villarejo, ES; Jolien Kuitert, NL; Lukáš Starý, CZ; Jesper Hjortenberg, DK; Hans-Holger Herrnfeld, DE; Harri Tiesmaa, FI; Leif Görts, SE; Frances Kennah, UK; Daniela Buruiană, RO; Sylvie Petit-Leclair, FR; Mariusz Skowroński, PL; Ingrid Maschl-Clausen, AT; Malči Gabrijelčič, SL; Ladislav Hamran, SK; Katerina Loizou, CY

- Is-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, iddedikati għall-implimentazzjoni u t-tħaddim prattiċi fl-Istati Membri tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, li bdiet f'Mejju 2012 u ser tintemm sal-2014. Sa tmiem l-2012, fuq il-bażi ta' tagħrif riċevut mill-Istati Membri, 11-il Stat Membru għadhom ma implimentawx id-Deċiżjoni tal-Eurojust. Il-Eurojust tispera li s-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ser tipprovdi l-impetu meħtieġ lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw bis-sħiħ id-Deċiżjoni tal-Eurojust.

- Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Eurojust b'mod intern: saret ħidma ulterjuri fuq l-ENCS għat-trasmissjoni sigura tal-posta elettronika; OCC li taħdem bis-sħiħ; l-iżvilupp tas-CMS; u l-iżvilupp tal-formola PDF "intelliġenti" tal-Artikolu 13. Barra minn hekk, saret l-ewwel laqgħa tal-korrispondenti nazzjonali, bil-għan li jiġu diskussi u skambjati l-aħjar prattiki u l-esperjenzi u fiex inhuma t-twaqqif u t-tħaddim tal-ENCS fl-Istati Membri.

- It-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust ilha attiva mill-2009. Fid-dawl tal-proposti mħabbra tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 85 tat-TFUE, it-Task Force kompliet bl-attivitajiet tagħha fuq ir-riforma tal-Eurojust, inklużi l-istabbilimenti possibbli tal-governanza u l-involviment tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust. It-Task Force kompliet ukoll bl-attivitajiet tagħha fuq l-Artikolu 86 tat-TFUE dwar it-twaqqif tal-EPPO.

- Il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Eurojust u l-Kummissjoni: fl-20 ta' Lulju 2012, il-Eurojust u l-Kummissjoni Ewropea ffirmaw Memorandum ta' Qbil, li jifformalizza r-rieda li jiskambjaw informazzjoni u li jippruvaw isaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

- Żviluppi amministrattivi:

  - In-numru ta' prosekuturi, imħallfin u uffiċjali tal-pulizija bil-post tax-xogħol regolari tagħhom fil-Eurojust fl-Aja fl-2012 kien ta' 45.

  - Il-baġit tal-Eurojust għall-2012 kien ta' EUR 32 967 000; l-implimentazzjoni tal-baġit kienet rekord ta' 98%.

  - In-numru ta' JITs finanzjarjament appoġġjati mill-Eurojust kważi rdoppja minn dak tal-2011, bi 62 JIT li involvew 22 Stat Membru.




# L-10 anniversarju tal-Eurojust

# Iċ-ċelebrazzjonijiet fi Nieuwe Kerk u Ridderzaal, is-27 u t-28 ta' Frar 2012

Fit-28 ta' Frar 2012, il-Eurojust iċċelebrat jum storiku: l-10 anniversarju tagħha. Biex tikkommemora l-okkażjoni, ġew organizzati żewġ avvenimenti. Fil-lejla tas-27 ta' Frar, il-Eurojust organizza l-ALUMNIght tiegħu f'Nieuwe Kerk fl-Aja. Attendew ambaxxaturi, Ministri tal-Ġustizzja, u rappreżentanti ta' livell għoli mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Saret intervista lill-Presidenti tal-imgħoddi tal-Eurojust u dak attwali, il-Membri Nazzjonali u l-persunal amministrattiv li kienu strumentali fl-iżvilupp tal-Eurojust. Intwera l-ewwel filmat promozzjonali tal-Eurojust, u tnediet il-websajt il-ġdida.

L-għada filgħodu, bħala merħba qabel il-laqgħa informali tal-Ministeri tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni bil-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, uffiċjali għoljin raddew ħajr lill-Eurojust fil-bini storiku Ridderzaal fl-Aja. Il-kelliema ewlenin kienu: HE IW Opstelten, Ministru tal-Ġustizzja tal-Pajjiżi l-Baxxi, li rrappreżenta lill-Maestà Tagħha r-Reġina Beatriċe, is-Sur Morten Bødskov, Ministru tal-Ġustizzja tad-Danimarka, is-Sur JJ van Aartsen, Sindiku tal-Aja, is-Sur Aled Williams, President tal-Eurojust, is-Sur Gilles de Kerchove, Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, is-Sa Myria Vassiliadou, Koordinatriċi tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar, u s-Sa Françoise Le Bail, Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Kummissjoni Ewropea, li rrappreżentat lis-Sa Viviane Reding, Viċi President u Kummissarju għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza.

Saret konferenza stampa wara ċ-ċeremonja ta' ftuħ, li fiha attendew is-Sur Williams, iż-żewġ Viċi Presidenti tal-Eurojust, is-Sa Michèle Coninsx u s-Sur Raivo Sepp, kif ukoll is-Sur Bødskov, is-Sur de Kerchove u s-Sa Le Bail.

Is-suġġett tal-laqgħa informali tal-Ministri tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni wara ċ-ċerimonja ta' ftuħ kien: *Il-kisbiet ewlenin u l-iżvilupp issoktat tal-Eurojust: kif insaħħu r-rwol tal-Eurojust f'kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-Istati Membri.*

# Iż-żjara tal-Maestà Tagħha r-Reġina Beatriċe tal-Pajjiżi l-Baxxi

Fil-kuntest taċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 anniversarju tal-Eurojust, il-President tal-Eurojust, is-Sa Coninsx, kellha l-unur li tilqa' ż-żjara fil-Eurojust nhar is-26 ta' Settembru 2012 tal-Maestà Tagħha r-Reġina Beatriċe tal-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Maestà Tagħha ltaqgħet mal-Membri Nazzjonali u l-Prosekuturi ta' Kollegament, kif ukoll il-persunal amministrattiv, u ntwera tifkira tal-kristall ikkummissjonat għaż-żjara tagħha. Saru bosta preżentazzjonijiet fuq il-Eurojust, l-istorja tagħha u illustrazzjonijiet ta' każijiet. Il-Maestà Tagħha wriet li hija informata sew dwar il-ħidma tal-Eurojust u l-isfidi li taffaċċja l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja.














E MAINTIENDRAI
The Eur Union's
Judi tion Unit
UROJUST















# L-attivitajiet operattivi

1

# 1.1 L-introduzzjoni

Il-prijoritajiet tal-ħidma tal-Eurojust għall-2012, adottati b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, huma t-terroriżmu, it-traffikar ta' droga, it-traffikar tal-bnedmin, il-frodi, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità (inklużi stampi ta' abbuż sesswali fuq tfal), il-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata (inklużi gruppi tal-kriminalità organizzata mobbli (itineranti)), l-immigrazzjoni illegali, u r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (l-hekk imsejħa reati PIF). Ix-xogħol operazzjonali tal-Eurojust fuq il-każijiet f'dawn l-oqsma, inklużi x-xkiel u l-aħjar prattiki identifikati, u l-inizjattivi strateġiċi u l-kontribuzzjonijiet tagħha, huma spjegati hawn taħt.

Fl-2012, il-Eurojust assistiet lill-Istati Membri f'1 533 każ irreġistrat, żieda ta' 6.4% fuq l-2011, b'madwar 20% li involvew tliet pajjiżi jew iktar u 78% li involvew reati prijoritarji għall-UE msemmija hawn fuq. Il-bqija tal-każijiet inkludew l-iktar reati li mhumiex fost dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust u li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust (Artikolu 4.2 Deċiżjoni tal-Eurojust), segwiti minn reati kontra l-ħajja, il-persuna u l-libertà personali. Ċifri dettaljati dwar ix-xogħol fuq il-każijiet u l-involviment tal-Istati Membri huma pprovduti fl-Anness.

Dawk li jaħdmu fil-qasam iqisu li l-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust huma waħda mill-għodod ewlenin tagħha, li tgħaqqad flimkien awtoritajiet ġudizzjarji u ta' infurzar tal-liġi. Filwaqt li n-numru ġenerali ta' laqgħat ta' koordinazzjoni naqas ftit fl-2012 għal 194 meta mqabbla ma' 204 fl-2011, dan it-tnaqqis jirrifletti użu iktar effiċjenti tal-għodda tal-laqgħa ta' koordinazzjoni. Madwar 55% tal-laqgħat ta' koordinazzjoni involvew tliet pajjiżi jew iktar, u 89% ikkonċernaw reati prijoritarji.

Bħal fl-2011, ġew organizzati seba' ċentri ta' koordinazzjoni fil-Eurojust fl-2012.

L-involviment tal-Eurojust fit-twaqqif tal-JITs żdied bi 42% u tela' għal 47 meta mqabbel mat-33 tal-2011, u n-numru ta' JITs appoġġjati finanzjarjament mill-Eurojust kien kważi d-doppju ta' dak tal-2011, b'total ta' 62.

# 1.2 Ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet

## Il-problemi ġenerali u l-aħjar prattiki fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet fl-2012 jirrifletti l-impenn issoktat tiegħu għas-soluzzjoni tal-problemi fil-każijiet ta' kriminalità transkonfinali serja. Il-Eurojust ħaffef it-twettiq tat-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja u d-deċiżjonijiet dwar din, billi assista lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fit-tneħħija ta' xkiel prattiku u legali affaċċjat fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom.

Ix-xkiel legali baqa' jfeġġ minħabba d-differenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri, u minħabba r-regoli differenti fuq l-ammissibilità tal-evidenza, speċjalment fir-rigward tal-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet. Proċeduri differenti rigward perkwiżizzjonijiet fid-djar u t-teħid ta' dikjarazzjonijiet tax-xhieda u d-disparitajiet fir-rigward ta' regoli dwar iż-żamma ta' dejta fil-bosta Stati Membri, spiss f'każijiet relatati maċ-ċiberkriminalità iżda anki rigward forom oħrajn ta' kriminalità organizzata, wasslu għal diffikultajiet. Dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti fi stadju bikri tal-investigazzjoni permezz ta' koordinazzjoni, fejn l-istandards proċedurali u r-rekwiżiti tal-evidenza jistgħu jiġu spjegati lill-partijiet kollha involuti u l-LoRs neċessarji mħejjija.

Diffikultajiet prattiċi oħrajn jinkludu talbiet speċifiċi għal assistenza (i) fl-identifikazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja fir-rigward ta' sorveljanza transfruntiera u każijiet ta' kunsinna kkontrollata; (ii) fi problemi fl-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' koordinazzjoni minħabba li l-awtoritajiet domestiċi jagħtu prijorità lix-xogħol domestiku; (iii) fid-diffikultajiet affaċċjati mill-awtoritajiet nazzjonali fl-aċċess ta' reġistri kummerċjali, speċjalment fir-rigward ta' każijiet dwar

reati finanzjarji u ekonomiċi; u (iv) f'diffikultajiet biex Stati Membri oħrajn jiġu perswaduti jibdew investigazzjoni parallela jew diffikultajiet fil-forniment ta' materjal suffiċjenti u ammissibbli biex jagħmlu dan.

Forniment spontanju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-MLA tal-2000 bil-Protokoll tal-2001 tagħha (Konvenzjoni tal-MLA) jaf ma jitqiesx bħala raġuni suffiċjenti biex tinfetaħ investigazzjoni minħabba rekwiżiti evidenzjali differenti fl-Istat Membru riċevitur li jistgħu jirriżultaw fl-inammissibilità tal-evidenza fl-istadju tal-proċess.

Problema rikorrenti oħra hija d-dewmien fl-eżekuzzjoni tat-talbiet tal-MLA, spiss minħabba rekwiżiti differenti rigward id-dettall tal-informazzjoni li tinsab fit-talba, li jirriżultaw f'dewmien sakemm jaslu informazzjoni u kjarifika ulterjuri. Id-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' talbiet tal-MLA jitgħarraq bit-trasmissjoni simultanja ta' talbiet permezz ta' kanali differenti, traduzzjoni batuta, nuqqas ta' database ċentralizzata u proċeduri ta' eżekuzzjoni twal f'ċerti Stati Membri. Ċerti drabi, il-Eurojust irnexxielu jassisti fl-abbozzar tat-talbiet tal-MLA, fl-identifikazzjoni u t-trasmissjoni tat-talbiet lill-awtoritajiet nazzjonali xierqa u fl-għoti ta' pariri dwar ir-rekwiżiti tal-evidenza fil-pajjiżi li jitolbu u dawk mitlubin.

Fl-2011, metalli prezzjużi b'valur li jaqbeż il-GBP 1 miljun, li jikkonsistu f'29 kg deheb u 160 kg fidda, insterqu minn trakk fil-Belġju. Is-sewwieq tat-trakk qal li safa vittma ta' serq b'arma, li matulha nsterqu l-metalli prezzjużi. It-trakk kien qed jivvjaġġa mill-Iżvizzera lejn ir-Renju Unit u kien għaddej mill-Belġju. Fir-realtà, is-sewwieq kien membru tal-OCG li kienet ikkonfoffat biex tisraq il-merkanzija.

Qamet kwistjoni ta' kunflitt tal-ġurisdizzjoni, peress li tliet suspettati nqabdu l-Belġju u l-bqija tas-suspettati kienu jinsabu fir-Renju Unit. Laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust solviet il-problema. L-awtoritajiet tal-Belġju u r-Renju Unit irnexxielhom jilħqu ftehim li s-suspettati kollha jitressqu quddiem il-qorti fir-Renju Unit.

Wara li s-suspettati ġew arrestati, ġie ffirmat ftehim tal-JIT, li ppermetta lill-awtoritajiet fir-Renju Unit u l-Belġju jaqsmu b'mod faċli l-evidenza u jwieġbu malajr biex jaqbdu lil dawk is-suspettati li kienu għadhom ħilsin. Kooperazzjoni mill-qrib bejn il-prosekuturi u l-awtoritajiet tal-pulizija tar-Renju Unit, il-pulizija tal-Belġju u l-Eurojust żgurat li dawk involuti jitressqu l-qorti.

B'kollox, f'Diċembru 2012, sitt imputati ġew ikkundannati għal 23 sena u nofs priġunerija.

Problema ssoktata fil-ħruġ tal-EAWs huwa r-rifjut ta' konsenja meta awtorità eżekuttiva tqis li huwa improbabbli li t-tali persuna ser tingħata proċess ieħor meta tiġi kkundannata *in absentia*.

Problemi oħrajn li jxekklu l-eżekuzzjoni fil-ħin tal-EAWs jinkludu differenzi fid-definizzjonijiet ta' reati, talbiet għal informazzjoni addizzjonali, u kwistjonijiet relatati mat-traduzzjoni. Il-Eurojust tassisti billi tħaffef id-djalogu bejn l-Istati Membri emittenti u eżekuttivi u tipprovdi pariri biex tgħin sabiex tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' reati fil-ġurisdizzjonijiet involuti.

Problemi oħrajn jinkludu rispons limitat lill-Eurojust mill-awtoritajiet nazzjonali rigward l-eżitu tal-assistenza mitluba u l-eżitu finali tal-każ, u dan iwassal sabiex ikun hemm diffikultà fl-evalwazzjoni tal-intervent tal-Eurojust jew it-tħaddim ta' JIT.

Il-Eurojust tassisti wkoll fil-koordinazzjoni ta' miżuri ta' persważjoni bħal mandati ta' perkwiżizzjoni u mandati ta' arrest, kif ukoll fl-istabbiliment ta' kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti kemm f'każijiet bilaterali kif ukoll multilaterali. Il-Eurojust tipprovdi kanal miftuħ għall-komunikazzjoni u għandha rwol importanti ta' medjatur billi, *inter alia*, tħaffef il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjonijiet. L-intervent rapidu tagħha jista' jirriżulta fl-eżekuzzjoni immedjata tat-talbiet tal-MLA.

Il-Eurojust tħaffef l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-każijiet permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni u billi tiffinanzja u tħaffef it-twaqqif u t-tħaddim tal-JITs, li ġew rikonoxxuti bħala żewġ għodod ferm effettivi f'każijiet kumplessi.

## Il-laqgħat ta' koordinazzjoni

Fl-2012, il-Eurojust organizzat laqgħat ta' koordinazzjoni relatati ma' 194 każ. Mill-ġdid dan

il-mekkaniżmu wera li huwa siewi għall-awtoritajiet nazzjonali f'każijiet li jinvolvu Stati Membri jew Stati terzi oħrajn. Laqgħat ta' koordinazzjoni jsiru għal għadd ta' raġunijiet; waħda importanti minnhom hija l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri parteċipanti. Il-vantaġġ importanti tal-iskambju ta' informazzjoni huwa li jippermetti lill-Istati Membri jiftħu investigazzjonijiet, jidentifikaw proċedimenti paralleli possibbli fi Stati Membri oħrajn, jiskambjaw evidenza, jegħlbu ostakli lingwistiċi, u jibnu fiduċja reċiproka.

Laqgħa ta' koordinazzjoni tista' ssir ukoll biex titħaffef u/jew tiġi kkoordinata l-eżekuzzjoni tal-LoRs, u b'hekk tissimplifika, pereżempju, it-traċċar u l-iffriżar ta' fondi. Laqgħat oħrajn ta' koordinazzjoni jistgħu jfittxu assistenza minn Stat terz, jikkoordinaw investigazzjonijiet kurrenti, jew jiddefinixxu strateġija komuni rigward investigazzjonijiet fl-Istati parteċipanti. F'xi każijiet, l-għan jista' jkun li jintlaħaq qbil fuq diviżjoni konkreta tax-xogħol bejn l-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti, jew li jintlaħaq ftehim reċiproku fuq liema awtoritajiet nazzjonali huma fl-aħjar pożizzjoni biex itellgħu l-qorti r-reati involuti.

Karatteristika importanti tal-laqgħat ta' koordinazzjoni, u waħda użata spiss fl-2012, hija li jippermettu lill-Istati jippjanaw azzjoni komuni u jwaqqfu JITs. Barra minn hekk, minbarra l-awtoritajiet mill-Istati Membri, ir-rappreżentanti ta' Stati terzi u l-korpi tal-UE bħall-Europol u l-OLAF jistgħu wkoll, fejn xieraq, jieħdu sehem fil-laqgħat ta' koordinazzjoni. Matul l-2012, Stati terzi kienu rappreżentati f'49 mil-laqgħat ta' koordinazzjoni, il-Europol f'85 u l-OLAF f'ħamsa.

## Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni

Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni jiżgura trasmissjoni u koordinazzjoni f'ħin reali ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tul jum ta' azzjoni komuni fuq arresti, perkwiżizzjonijiet ta' djar/kumpaniji u intervisti ta' xhieda.

Minbarra t-tħaffif tal-koordinazzjoni fil-livell ġudizzjarju mal-eżekuzzjoni tal-EAWs, LoRs u ordnijiet ta' ffriżar, ċentru ta' koordinazzjoni jħaffef ukoll it-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-post u r-rispons

L-awtoritajiet Franċiżi fetħu każ fil-Eurojust rigward OCG Albaniż li jitraffika eroina u kokaina bejn il-Pajjiżi l-Baxxi, Franza u l-Albanija. L-OCG kellu kuntatti fil-Belġju u f'pajjiżi oħrajn fir-rotta minn Franza lejn l-Albanija (l-Italja, l-Iżvizzera, Spanja u possibilment il-Greċja). Intbagħtu u ġew eżegwiti t-talbiet għal sorveljanza transfruntiera.

Il-Eurojust organizza tliet laqgħat ta' koordinazzjoni biex tiġi skambjata informazzjoni, tiġi kkoordinata l-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' sorveljanza u jiġu diskussi kwistjonijiet ne bis in idem possibbli. B'hekk, ġie ppjanat jum ta' azzjoni komuni fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Belġju, fi Franza u fl-Iżvizzera. Dawn l-isforzi komuni wasslu sabiex wara l-investigaturi komplew jidentifikaw trasport ta' drogi illeċiti mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn Franza.

F'Marzu 2012, ġie organizzat ċentru ta' koordinazzjoni fil-Eurojust biex jiġi żgurat l-iskambju mexxej tal-informazzjoni matul il-jum ta' azzjoni b'appoġġ analitiku pprovdut mill-Europol. L-individwi involuti fl-operazzjoni ta' traffikar ta' droga ġew arrestati u d-drogi ġew sekwestrati. Dan il-jum ta' azzjoni komuni ġab miegħu azzjonijiet sussegwenti ta' infurzar tal-liġi li wasslu għal 17-il arrest, bosta perkwiżizzjonijiet ta' djar fi Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi, u l-qbid ta' 12 kg eroina.

L-awtoritajiet Taljani, f'kuntatt mill-qrib mal-pulizija Franċiża u Olandiża, kien ilha timmarka l-istess OCG għal madwar sena u f'Mejju 2012 nediet operazzjoni fit-territorju Taljan. Din l-operazzjoni wasslet fl-eżekuzzjoni ta' 13-il EAW u l-qbid ta' 15 kg kokaina u 4 kg eroina.

L-organizzazzjoni mexxejja u flessibbli tal-OCG kienet teħtieġ skambji intensivi ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari bejn il-korpi ta' investigazzjoni fil-pajjiżi involuti. Dan l-iskambju ta' informazzjoni bla heda, li ħa madwar ġimagħtejn, tħaffef mill-Eurojust.

immedjat mill-awtoriatjiet ġudizzjarji nazzjonali għal fatti ġodda li jaslu miċ-ċentru ta' koordinazzjoni. Wara li fl-2011 tnedew bħala għodda ġdida fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali fil-livell tal-UE, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni komplew jiġu żviluppati u użati fl-2012.

Mill-2011, ġew organizzati seba' ċentri ta' koordinazzjoni fil-Eurojust minn Franza (3), il-Finlandja (1), l-Italja (1), il-Pajjiżi l-Baxxi (1) u r-Renju Unit (1). Kellhom fil-mira r-reati li ġejjin: immigrazzjoni illegali (3), traffikar tal-bnedmin (1), traffikar ta' droga (1), pornografija tat-tfal (1) u frodi fiskali marbutin mal-kummerċ tad-demel (1).

Twaqqfu tliet ċentri ta' koordinazzjoni f'każijiet fejn diġà kien qed jaħdem JIT. Fil-qafas tal-JIT eżistenti, iċ-ċentru ta' koordinazzjoni ħaffef il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet parteċipanti minn Stati Membri differenti u ppermetta sabiex titneħħa kwalunkwe diskrepanza fl-informazzjoni u tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali anki meta, permezz ta' JIT, diġà kien hemm koordinazzjoni fis-seħħ.

Il-kooperazzjoni ma' partijiet terzi bħall-Europol issaħħet. Il-Europol ħa sehem f'sitta mis-seba' ċentri ta' koordinazzjoni u appoġġjat l-azzjonijiet simultanji permezz ta' tlaqqigħ trasversali, analiżi u llinkjar ta' dejta emerġenti mibgħuta liċ-ċentru ta' koordinazzjoni. Fl-2012, l-Iżvizzera u l-Interpol ħadu sehem b'mod attiv fiċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ukoll.

## L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust

L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust jippermettu lill-Membri Nazzjonali u l-Kulleġġ biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet tax-xogħol fuq il-każijiet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet juru d-djalogu kontinwu u ta' kuljum bejn il-Membri tal-Kulleġġ u l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom fuq kwistjonijiet operazzjonali relatati max-xogħol fuq il-każijiet, u spiss huma r-riżultat ta' informazzjoni pprovduta f'LoR jew imqiegħda għad-dispożizzjoni matul laqgħa ta' koordinazzjoni jew taħditiet informali mal-awtoritajiet nazzjonali. Tabilħaqq, il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma waħda mill-iktar għodod użati spiss.

Normalment dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu informali. B'hekk, iċ-ċifri rrapportati hawn taħt ma jipprovdux ħarsa ġenerali sħiħa lejn ir-rakkomandazzjonijiet li saru, peress li jirreferu biss għall-każijiet li fihom hemm bżonn ta' rendikont uffiċjali tal-entrati tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji skont il-liġi domestika ta' Stat Membru partikolari.

Matul l-2012, ġew irreġistrati disa' rakkomandazzjonijiet formali skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust u kollha ġew segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali.

*Talbiet biex jibdew investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi – Artikolu 6(1)(a)(i)*

Inħarġu żewġ talbiet skont l-Artikolu 6(1)(a)(i) mid-Desk Taljan.

*Talbiet sabiex l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar li tibda investigazzjoni jew biex tħarrek atti speċifiċi – Artikolu 6(1)(a)(ii)*

Inħarġu żewġ talbiet fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni mid-Desk Spanjol.

*Talbiet sabiex l-awtoritajiet kompetenti jikkoordinaw bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati – Artikolu 6(1)(a)(iii)*

Talba minnhom inħarġet skont l-Artikolu 6(1)(a)(iii). Id-Desk Spanjol talab li ssir laqgħa ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet tal-Belġju biex tiġi indirizzata kwistjoni relatata mal-irkupru ta' assi f'każ ta' kriminalità organizzata u ħasil tal-flus.

*Talbiet biex tiġi pprovduta b'kull informazzjoni neċessarja biex il-Membru Nazzjonali jaqdi l-funzjonijiet tiegħu – Artikolu 6(1)(a)(v); u talbiet biex tittieħed kwalunkwe miżura oħra ġġustifikata għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni – Artikolu 6(1)(a)(vii)*

Inħarġu tliet talbiet fuq il-bażi tal-Artikolu 6(1)(a)(v) u (vii). L-awtoritajiet Spanjoli ntalbu jħaffu l-forniment tal-informazzjoni u miżuri investigattivi oħrajn (smigħ ta' suspettati u vittmi) f'każ fil-Belġju ta' frodi u kontrafazzjoni tal-ewro.

*Talbiet biex jittieħdu miżuri investigattivi speċjali – Artikolu 6(1)(a)(vi)*

F'każ ta' frodi, falsifikazzjoni u ħasil tal-flus, l-awtoritajiet Spanjoli ntalbu jwettqu perkwiżizzjonijiet ta' djar u jiftħu investigazzjonijiet skont l-Artikolu 6(1)(a)(vi).

## Il-Konvenzjonijiet ta' Assistenza Legali Reċiproka

Tnejn mill-iktar għodod użati għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni Ewropea huma l-Konvenzjoni tal-MLA u l-Konvenzjoni tal-1959 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bil-Protokolli tagħha (il-Konvenzjoni tal-1959). Ġeneralment, l-applikazzjoni tagħhom titqies bħala pożittiva u effettiva.

Fadal diffikultajiet li ġejjin mill-fatt li mhux l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-MLA. Madankollu, din is-sitwazzjoni mhux bilfors tikkostitwixxi ostaklu, pereżempju, fit-twaqqif ta' JIT, jekk dak l-Istat Membru implimenta d-Deċiżjoni Qafas dwar il-JITs, jew għat-twettiq ta' smigħ b'vidjokonferenza, li jistgħu jsiru wkoll fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tal-1959 jew il-prinċipju ta' reċiproċità u/jew meta l-leġiżlazzjoni domestika tiegħu xorta waħda tippermetti li jittieħdu t-tali miżuri.

Diffikultajiet marbutin mal-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet u s-sorveljanza transfruntiera, użu insuffiċjenti jew inadegwat tal-għodda ta' skambju ta' informazzjoni b'mod spontanju, u nuqqas ta' indikazzjoni ta' limiti ta' żmien f'talbiet urġenti għadhom affaċċjati u meqjusa bħala oqsma fejn irid isir titjib.

Jistgħu jfeġġu problemi prattiċi meta t-talbiet tal-MLA ma jissodisfawx il-livell meħtieġ ta' dettall fl-Istat eżekuttiv, li jwasslu għal inċertezzi u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni possibbli tat-talbiet. Għad hemm problemi oħrajn fir-rigward ta' nuqqas jew dewmien ta' rispons u informazzjoni fuq il-progress tal-eżekuzzjoni tat-talbiet tal-MLA mill-Istat Membru li għamel it-talba. Din is-sitwazzjoni hija speċjalment problematika f'każijiet urġenti meta s-suspettati jkunu f'kustodja, jew meta l-użu ta' kanali oħrajn jista' ma jwassalx għar-riżultati fi ħdan perjodu ta' żmien strett partikolari. L-awtoritajiet nazzjonali talbu lill-Eurojust sabiex tħaffef il-kuntratti informali fit-tali każijiet, li spiss iwassal sabiex il-proċess jgħaġġel ferm iktar. Rakkomandazzjoni prattika għall-prosekuturi nazzjonali hija l-indikazzjoni f'LoRs urġenti tal-limiti ta' żmien domestiċi u ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tat-talba.

## Il-kwistjonijiet rigward il-ġbir u l-ammissibilità tal-evidenza

Kif ġie osservat fl-2011, regoli differenti dwar il-ġbir, l-ammissibilità u d-divulgazzjoni ta' evidenza għadhom jimponu diffikultajiet għall-ġlieda effiċjenti

OCG ibbażat fil-Bulgarija u fi Spanja ġiegħel lill-vittmi li fil-parti l-kbira kienu Bulgari biex jaħdmu bħala prostituti fi Spanja. Il-fergħa tal-OCG fil-Bulgarija kisbet vittmi minn komunitajiet vulnerabbli billi offritilhom opportunitajiet tax-xogħol barra l-pajjiż. Il-vittmi ġew trasportati Spanja u l-passaporti tagħhom ittieħdulhom. Il-fergħa tal-OCG fi Spanja ġiegħlet lill-vittmi jipprattikaw il-prostituzzjoni fi Spanja billi użat theddid ta' vjolenza fiżika.

L-investigazzjoni bdiet wara waħda mill-vittmi ħarbet u waslet l-Ambaxxata Bulgara f'Madrid, li minnufih ikkuntattjat lill-awtoritajiet Spanjoli. Bdew b'investigazzjoni li eventwalment kissret il-grupp fi Spanja. L-awtoritajiet ġudizzjarji fiż-żewġ pajjiżi fetħu proċedimenti kriminali kontra dan il-grupp, u peress li dawn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet kienu qed jissottomettu talbiet għall-MLA, Id-Desk Spanjol irreġistra każ fil-Eurojust biex jingħata assistenza fil-koordinazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

Il-Eurojust organizzat laqgħa ta' koordinazzjoni li fiha ż-żewġ delegazzjonijiet irnexxielhom jiddiskutu direttament dwar is-sitwazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom. Tul il-laqgħa, laħqu ftehim fuq bosta aspetti importanti. L-ewwel nett, iż-żewġ ġurisdizzjonijiet żguraw eżekuzzjoni bla intoppi tat-talbiet pendenti. It-tieni, ġiet evitata sitwazzjoni *ne bis in idem* possibbli billi ġew spjegati l-proċedimenti nazzjonali. Min-naħa Bulgara inxteħet enfasi fuq il-prosekuzzjoni tal-attivitajiet ta' ħasil tal-flus, li Spanja sostniet billi pprovdiet evidenza dwar l-għamla organizzata tal-grupp investigat. L-Ispanjoli ffokaw fuq it-tressiq tal-akkużi ta' traffikar u sfruttament sesswali, li dwarhom il-Bulgari intervistaw xhieda fit-territorju tagħhom. Il-parti Bulgara attivat ukoll programm ta' protezzjoni tax-xhieda għall-familja ta' vittma minnhom fi Spanja.

L-involviment tal-Eurojust għen b'mod importanti fit-twaqqif ta' pedament sod għall-iżvilupp ulterjuri tal-prosekuzzjonijiet nazzjonali.

kontra l-kriminalità transkonfinali serja. Id-differenzi fir-regoli dwar iż-żamma tad-dejta, speċjalment f'każijiet relatati maċ-ċiberkriminalità u reati oħrajn li fihom is-suspettati jużaw telekomunikazzjonijiet biex jinteraġixxu ma' xulxin, ikkaġunaw numru dejjem ikbar ta' problemi. F'dawn il-każijiet, iż-żmien huwa importanti, speċjalment fi Stati Membri fejn iż-żmien allokat għaż-żamma tad-dejta huwa ferm limitat.

Il-leġiżlazzjoni domestika dwar il-kisba ta' evidenza tvarja. Din is-sitwazzjoni, li teħtieġ għarfien tas-sistemi legali kkonċernati, trendi l-assistenza tal-Eurojust partikolarment siewja. F'każ li jinvolvi ċittadin Sloven, avukat difensur argumenta li l-evidenza miġbura tul operazzjoni internazzjonali fil-Ġermanja għall-identifikazzjoni tal-awtur ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni Ġermaniża u għalhekk kienet inammissibbli fil-qorti Slovena. Il-Eurojust irnexxielha tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji Sloveni fil-kisba tal-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet proċedurali kriminali applikabli fil-Ġermanja. Skambju dirett ta' informazzjoni u taħdita dwar is-sistemi legali differenti f'laqgħat ta' koordinazzjoni spiss jevitaw diffikultajiet u jikkontribwixxu sabiex jiġu solvuti problemi relatati mal-ġbir u l-ammissibilità ta' evidenza, inkluż f'JITs.

It-tfassil ta' regoli nazzjonali dwar il-ġbir u l-ammissibilità tal-evidenza disponibbli għal Stati Membri oħrajn ikkontribwixxa għall-qsim tal-għarfien u evita xkiel. Il-Eurojust tista' sservi ta' ċentru ta' komeptenza għall-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

Fit-twaqqif ta' JITs, waħda mill-aħjar prattiki żviluppati fil-Eurojust kienet l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-ammissibilità ta' evidenza u l-obbligi ta' divulgazzjoni fil-ftehim tal-JIT, biex jgħinu jevitaw problemi iktar tard.

Potenzjalment, l-adozzjoni ta' Direttiva fil-ġejjieni dwar l-OIE tista' tħaffef is-soluzzjoni ta' diffikultajiet identifikati f'dan il-qasam.

## Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni

Il-Eurojust tagħmel użu formali limitat mis-setgħat ta' rakkomandazzjoni tagħha biex tevita u solvi kunflitti pożittivi jew negattivi ta' ġurisdizzjoni.

Spiss, ifeġġu sitwazzjonijiet li fihom żewġ Stati Membri jew iktar, skont il-liġi domestika tagħhom, ikollhom ġurisdizzjoni fuq każ; il-maġġoranza assoluta tal-każijiet huma solvuti bl-assistenza tal-Eurojust u mingħajr ir-reġistrazzjoni ta' talba formali lill-Istati Membri kkonċernati. F'dan ir-rigward, il-laqgħat ta' koordinazzjoni ġew rikonoxxuti bħala għodda ferm utli, li tippermetti li ssir diskussjoni u ftehim bikrija bejn l-awtoritajiet kompetenti involuti f'investigazzjonijiet paralleli. Kultant in-nuqqas ta' informazzjoni ġie identifikat bħala xkiel għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni. Kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjonijiet relatati ma' xulxin u t-tħejjija bikrija u l-analiżi minn qabel tal-laqgħat ta' koordinazzjoni jitqiesu bħala l-aħjar prattiki.

Il-Eurojust għandu rwol li fil-biċċa l-kbira huwa preventiv billi jħeġġeġ skambju ta' fehmiet bikri u informali. Hemm introduzzjoni komprensiva dwar dan is-suġġett fil-*Linji Gwida għad-deċiżjoni dwar "Liema ġurisdizzjoni għandi nħarrek?"*, li jinstabu fir-Rapport Annwali 2003 tal-Eurojust.

Il-Eurojust kien involut ukoll f'każijiet ta' kunflitti negattivi ta' ġurisdizzjoni, fejn l-ebda Stat Membru ma qies li huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jinvestiga u/jew iħarrek. F'Lulju 2012, il-Kulleġġ adotta l-*Linji Gwida għall-Applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) u (3) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust*, li jiddeskrivu l-proċedura amministrattiva internazzjonali dwar is-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni u rifjuti jew diffikultajiet rikorrenti dwar l-eżekuzzjoni tat-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, inklużi strumenti li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

## It-trasferiment ta' proċedimenti kriminali

Ħafna mill-Istati Membri baqgħu jużaw il-Konvenzjoni Ewropea tal-1972 dwar it-Trasferiment ta' Proċedimenti fi Kwistjonijiet Kriminali jew il-Konvenzjoni tal-1959 (Artikolu 21) flimkien mal-Artikolu 6(1) l-aħħar paragrafu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (Artikolu 21). L-użu ta' dawn l-istrumenti legali differenti jista' jikkaġuna diffikultajiet li jwasslu sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jitolbu l-assistenza tal-Eurojust.

Il-Eurojust irnexxielu jassisti f'dawn il-każijiet billi ħaffef il-kuntatti informali bejn l-Istati Membri u eżamina b'mod informali l-probabilità tat-trasferiment bil-quddiem ta' talba uffiċjali. Kultant, jintlaħaq qbil fuq it-trasferiment ta' proċedimenti tul laqgħa ta' koordinazzjoni bħala parti minn ftehim rigward ġurisdizzjoni għall-prosekuzzjoni, bit-trasferiment proprju miksub bil-ħruġ u l-eżekuzzjoni tal-EAWs u l-LoRs, jekk ikun hemm bżonn.

Ir-raġunijiet għad-diffikultajiet fit-trasferiment ta' proċedimenti kriminali jvarjaw. Fost fatturi oħrajn, l-evidenza miġbura trid tkun ammissibbli fil-qorti tal-Istat Membru li jagħmel it-talba (ara *Kwistjonijiet rigward il-ġbir u l-ammissibilità ta' evidenza* iktar 'il fuq), u jrid jintwera interess ċar min-naħa tal-Istat Membru li jagħmel it-talba biex jaċċetta t-trasferiment tal-proċedimenti. Meta t-trasferiment jintalab mill-Istat Membru li jixtieq li jkun ir-riċevitur, jiġifieri li jixtieq iħarrek, xi kultant ifeġġu diffikultajiet jekk ikun jeżisti riskju li t-trasferiment jista' jinvolvi investigazzjoni marbuta li għaddejja dak il-ħin fl-Istat Membru li ssirlu t-talba.

Diffikultajiet ifeġġu minħabba regoli sostantivi u proċedurali differenti. Il-fajl sħiħ irid jiġi tradott qabel ma l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu deċiżjoni, u d-Desks Nazzjonali tal-Eurojust jistgħu jagħtu biss valutazzjoni preliminari fuq il-bażi ta' sommarju tal-każ ipprovdut minn qabel.

## L-iskambju tal-kondotti

Il-Eurojust ma sabet ebda diffikultajiet kbar fl-iskambju ta' kondotti, u meta kien hemm diffikultajiet, dawn kellhom it-tendenza li jkunu ta' xorta prattika.

Fl-Istati Membri fejn għadha mhijiex qed titħaddem is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), it-talbiet għall-iskambju ta' kondotti xi kultant jitħaffu bl-użu tal-Konvenzjonijiet tal-MLA. Diffikultajiet jistgħu jfeġġu meta d-Desks Nazzjonali ma jkollhomx aċċess għall-kondotti jew meta l-kondotti jinżammu minn awtoritajiet nazzjonali differenti (eż. pulizija u awtoritajiet ġudizzjarji) u ma tkun teżisti ebda database ċentralizzata tal-kondotti. F'każijiet urġenti, il-Eurojust irnexxielu jħaffef il-kisba tal-kondotti.

Xi kultant, definizzjonijiet differenti tar-reati fl-Istati Membri ġabu magħhom diffikultajiet, li wasslu għal inċertezza dwar ir-reat proprju. Kwistjonijiet assoċjati jinkludu l-ammont ta' informazzjoni li tinsab f'kondotta, li xi Stati Membri jqisu bħala insuffiċjenti skont il-leġiżlazzjoni domestika, u li minħabba dan ikun hemm dewmien sakemm tiġi indirizzata t-talba għal iktar informazzjoni.

F'xi każijiet, meta jiġu riċevuti l-kondotti, issir referenza għal dispożizzjoni legali bla deskrizzjoni tar-reat. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru li jagħmel it-talba spiss jeħtieġ l-assistenza tal-Eurojust fil-kisba tal-leġiżlazzjoni relevanti biex tiġi ċċarata din il-kwistjoni.

Kumplikazzjonijiet u dewmien ifeġġu meta l-imħallfin f'ċerti Stati Membri jitolbu kopja tas-sentenza oriġinali sħiħa u t-traduzzjoni tagħha, u spiss ser ikun hemm bżonn li tinħareġ LoR biex tinkiseb kopja tas-sentenza, peress li s-silta mill-kondotta mhijiex biżżejjed (għal skopijiet ta' sentenzjar).

Meta kienu qed jindirizzaw l-eżekuzzjoni ta' tliet EAWs Griegi rigward ċittadin Żvediż, l-awtoritajiet Belġjani rċivew EAW ġdid maħruġ mill-awtoritajiet Ċiprijotti relatati mal-istess persuna. Bit-talba l-ġdida, l-awtoritajiet bilfors kellhom jissospendu l-eżekuzzjoni tal-EAWs Griegi (diġà permessi mill-Qorti tal-Appell tal-Belġju).

Il-Prosekutur Fedarli Belġjan talab il-parir tal-Eurojust dwar l-Istat Membru li lilu għandu jiġi konsenjat l-individwu. Id-Desk Belġjan ikkonsulta kemm id-Desk Grieg u dak Ċiprijott biex jikseb informazzjoni dwar il-possibilitajiet legali, bħall-possibilità li l-persuna tiġi konsenjata lill-Istat Membru l-ieħor tul l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Id-Desk Belġjan ikkonsulta wkoll l-Istati Membri parteċipanti dwar il-fehmiet tal-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' orġini involuti.

Filwaqt li ħa f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni riċevuta, id-Desk tal-Belġju ta l-parir li l-individwu jiġi konsenjat lill-Greċja. L-awtoritajiet Belġjani qablu mal-parir. Wara li ġie aċċettat ir-raba' EAW supplimentari Grieg, l-individwu kkonċernat ġie kkonsenjat lill-Greċja, li min-naħa tagħha żgurat l-eżekuzzjoni tal-EAW Ċiprijott. Bl-assistenza tal-Eurojust, it-tliet Stati Membri involuti rnexxielhom jikkoordinaw l-eżekuzzjoni tat-talbiet b'mod mexxej u effiċjenti.

Jistgħu jfeġġu diffikultajiet oħrajn f'każijiet li fihom persuna mħarrka fi Stat Membru minnhom targumenta li qabel kienet ikkundannata fi Stat Membru ieħor għall-istess reat. Jista' jkun li l-Istat Membru ma jkunx jista' jikkonferma din l-allegazzjoni minħabba standards nazzjonali li jvarjaw biex tiġi żgurata l-identità ta' persuna, u b'hekk reġistrazzjoni impreċiża tad-dettalji personali tagħha.

## Il-Mandati ta' Arrest Ewropej

Fl-2012, fil-Eurojust ġew irreġistrati 259 każ dwar l-eżekuzzjoni tal-EAWs, li ammontaw għal 16.8% tal-każijiet kollha rreġistrati fil-Eurojust. Il-maġġoranza assoluta (252) kienet relatata mat-tħaffif tal-eżekuzzjoni tal-EAWs. Bħala konferma tat-tendenza fis-snin ta' qabel, id-Desk Pollakk għamel l-ikbar numru ta' talbiet, segwit mid-Desk Belġjan u dak Żvediż.

Id-Desk Spanjol irċieva l-ikbar numru ta' talbiet, segwit minn dak Ġermaniż u Pollakk.

Il-Kulleġġ indirizza wkoll żewġ kwistjonijiet ġenerali oħrajn relatati mal-applikazzjoni tal-EAW. L-ewwel kwistjoni kienet tikkonċerna l-ġbir ta' informazzjoni dwar jekk awtorità fl-Istati Membri li ma għandhiex is-setgħa li toħroġ mandati domestiċi għandhiex awtorità li toħroġ EAWs, u dwar jekk l-awtoritajiet/qrati tal-Istati Membri rrifjutawx milli jeżegwixxu EAW minħabba li l-awtorità li ħarġitu ma għandhiex is-setgħa li toħroġ mandati domestiċi ta' arrest.

It-tieni kwistjoni meqjusa kienet jekk, mill-introduzzjoni tal-iskema tal-EAW, kienx hemm xi Stat Membru li rrifjuta konsenja fuq il-bażi li l-Ministeru tal-Ġustizzja tal-istat emittenti ma tqiesx li huwa "awtorità ġudizzjarja" skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (Id-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW) mill-awtoritajiet tal-Istat Membru eżekuttiv.

*Il-każijiet li jikkonċernaw iktar minn talba waħda ta' EAW*

Skont l-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW, l-awtorità ġudizzjarja eżekuttiva tista' tfittex il-parir tal-Eurojust meta tiddeċiedi liema wieħed mill-EAWs maħruġin minn żewġ Stati Membri jew iktar għall-istess persuna għandu jiġi eżegwit. In-numru ta' drabi li fihom il-Eurojust intalbet b'mod formali tipprovdi parir żdied għal sitt każijiet fl-2012 meta mqabbel ma' erbgħa fl-2011. Il-kompetenza tal-Eurojust f'dan il-qasam, kemm jekk permezz ta' negozjar jew kuntatt dirett mal-awtoritajiet ikkonċernati, huwa mfittex u pprovdut b'mod regolari fil-laqgħat ta' koordinazzjoni.

Fis-sitt każijiet kollha msemmija hawn fuq, il-Eurojust assistiet fl-iżgurar ta' kunsens bejn l-Istati Membri involuti dwar il-kwistjoni fuq liema EAW għandu jingħata prijorità, inklużi, meta jkunu relevanti, arranġamenti għal konsenja sussegwenti u konsenja temporanja tal-persuna mfittxija. Fis-sitt każijiet kollha kemm huma, ġie segwit il-parir tal-Eurojust. Ġew applikati l-*Linji Gwida għal proċedimenti interni dwar il-forniment ta' opinjoni tal-Eurojust f'każ ta' Mandati ta' Arrest Ewropej* tal-Eurojust, adottati f'Ġunju tal-2011. F'każ minnhom, intlaħaq ftehim dwar il-prijorità li għandha tingħata f'laqgħa ta' koordinazzjoni u l-qorti lokali li ddeċidiet fuq il-kwistjoni segwiet il-parir tal-Eurojust u fis-sentenza tagħha kkwotat il-ftehim milħuq fil-Eurojust matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni.

*Il-każijiet li jikkonċernaw il-ksur ta' limiti ta' żmien*

Meta, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, Stat Membru ma jistax jirrispetta l-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW, għandu jgħarraf lill-Eurojust, billi jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Fl-2012, il-Eurojust irreġistra 94 ksur tal-limiti ta' żmien. Tnejn minn dawn il-każijiet kienu jeħtieġu azzjoni ulterjuri. Bħal fis-snin ta' qabel, l-Irlanda rrapportat l-ikbar numru ta' ksur. Każijiet oħrajn ġew riferiti mir-Repubblika Ċeka, il-Bulgarija, is-Slovenja u Spanja. Kif ġie osservat fis-snin ta' qabel, l-istatistiki tal-UE jindikaw li iseħħ iktar ksur minn dak irreġistrat mill-Eurojust.

Każ minnhom, li jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW, wassal għal deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Ġunju 2012 (C-192/12). Il-prosekutur Finlandiż li ttratta l-proċedimenti tal-EAW talab informazzjoni mir-Renju Unit, permezz tal-Eurojust, dwar kif titħaffef il-proċedura f'każ li jkun hemm bżonn il-kunsens mir-Renju Unit biex il-Finlandja tikkonsenja l-persuna mitluba lil Franza. L-iskop tal-involviment tal-Eurojust kien li tipprevjeni ksur possibbli mill-Finlandja tal-limiti ta' żmien skont l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW. Il-Eurojust irnexxielha tipprovdi l-assistenza meħtieġa fil-ħin.

Ir-raġunijiet ewlenin għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-EAWs kienu t-tul tal-proċedimenti ta' appell, it-talbiet għal informazzjoni addizzjonali, il-ħarba tal-persuni mitlubin filwaqt li kienu bil-libertà provviżorja, u n-numru kbir ta' EAWs.

*Il-kwistjonijiet identifikati fl-applikazzjoni prattika tal-EAW*

Il-Eurojust żammet ir-rwol importanti fit-tħaffif tat-trasmissjoni tal-informazzjoni, fl-iċċarar tar-rekwiżiti legali tal-awtoritajiet emittenti kif ukoll dawk eżekuttivi, u b'mod ġenerali biex tgħaġġel l-eżekuzzjoni tal-EAWs. F'każijiet urġenti, l-assistenza tal-Eurojust kienet partikolarment siewja. F'każ minnhom, l-assistenza ngħatat malajr tul laqgħa plenarja tal-Kulleġġ, u f'ieħor, il-Eurojust irnexxielha tipprovdi pariri u gwida permezz tal-OCC, u dan wassal għal konsenja fil-ħin.

Fis-16 ta' Ottubru 2012, daħlu fis-seħħ il-proċeduri ta' konsenja tal-Mandat ta' Arrest Nordiku bejn il-pajjiżi Nordiċi (id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvezja), u dan kien ifisser li fi proċeduri ta' konsenja bejn il-Finlandja, id-Danimarka u l-Iżvezja ser jintuża l-Mandat ta' Arrest Nordiku, minflok id-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW. Ma ġew irrapportati ebda esperjenzi.

Dawk li jaħdmu fil-qasam għadhom iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet prattiċi u legali fl-eżekuzzjoni tal-EAWs. Dawn li ġejjin ġew identifikati mill-Eurojust fix-xogħol fuq il-każijiet tagħha:

- Kwalità batuta tat-traduzzjoni tal-EAW.
- Dewmien minħabba informazzjoni insuffiċjenti jew inadegwata fl-EAW fir-rigward: (i) tad-deskrizzjoni tal-fatti, inkluża r-relazzjoni meħtieġa biex tintwera r-rabta bejn il-persuna mfittxija u r-reat, (ii) tar-reati, (iii) tas-sentenza imposta jew prevista għar-reati kollha jew uħud minnhom, jew (iv) tal-aggregazzjoni tas-sentenzi f'sentenza finali wara l-eżekuzzjoni tal-EAW maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' bosta sentenzi.
- Komunikazzjoni bil-mod bejn l-awtoritajiet kompetenti.
- Dewmien marbut ma' proċeduri ta' awtorizzazzjoni tat-tranżitu, peress li l-Istati Membri għandhom regoli proċedurali u limiti ta' żmien differenti f'dawn il-proċeduri.
- Każijiet li fihom jintalbu l-oriġinali jew kopja ċċertifikata tal-EAW tradotti permezz tal-Eurojust bi ftit li xejn avviż minn qabel is-smigħ tal-EAW.
- Dewmien fil-każijiet li fihom hemm bżonn ta' garanziji marbutin mal-konsenja taċ-ċittadini proprji u l-awtorità kompetenti biex toħroġ il-garanziji (Ministeru tal-Ġustizzja) tkun differenti mill-awtorità (Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Pubbliku) kompetenti biex toħroġ l-EAW u tipprovdi informazzjoni addizzjonali relatata miegħu.
- Dewmien fil-forniment tal-informazzjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji eżekuttivi skont l-Artikolu 26(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW, li jinvolvi riskju li l-persuna mitluba tinżamm iktar mil-limiti previsti fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Istat Membru emittenti.
- Kwistjonijiet legali marbutin ma' jekk Ministeru tal-Ġustizzja jitqiesx li huwa awtorità ġudizzjarja skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW, u b'hekk kompetenti sabiex toħroġ EAWs.
- Kwistjonijiet dwar il-proporzjonalità fl-Istat Membru eżekuttiv, marbutin mal-prosekuzzjoni obbligatorja fl-Istat Membru emittenti, li jwasslu għal ħruġ eċċessiv ta' EAWs, b'diffikultajiet miżjudin f'każijiet li fihom ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja (Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW).
- Spejjeż imġarrbin fil-konsenja.
- Dewmien fir-riċevuta ta' kunsens għall-prosekuzzjoni għal reati oħrajn (regola ta' speċjalità, Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW).
- Approċċi differenti għal sentenzi *in absentia* u d-dritt għal proċess ġdid, peress li mhux l-Istati Membri kollha implimentaw id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI li jemenda d-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAW dwar id-dritt ta' proċess ġdid, li jirriżulta f'rifjut ta' eżekuzzjoni possibbli ta' EAW.
- Użu ta' kanali differenti biex jiġi trasmess l-EAW (Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali (SIRENE), Interpol, Maġistrati ta' Kollegament, Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) u Eurojust), bla informazzjoni li l-EAW qed jintbagħat permezz ta' kanal partikolari.
- Każijiet li fihom il-persuna li ġiet ordnata l-konsenja tagħha ġiet rilaxxata b'libertà provviżorja iżda naqset milli tidher kif ġie ordnat.
- Bosta EAWs, maħruġin minn awtoritajiet ġudizzjarji differenti fl-istess Stat Membru, joħolqu inċertezza dwar liema EAW jifforma l-bażi tal-konsenja.

## L-ordnijiet ta' ffriżar

Għad li hija trasposta f'ħafna mill-Istati Membri, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza (id-Deċiżjoni Kwadru tal-2003) għadha mhijiex użata b'mod komuni. Minħabba f'hekk, l-awtoritajiet ġudizzjarji li jużaw l-ordni ta' ffriżar u li jirrikonoxxu, *inter alia*, il-valur miżjud tad-dati ta' skadenza stretti stipulati fiha xi kultant jaffaċċjaw kontropartijiet fi Stati Membri oħrajn li mhumiex midħla ta' dan l-istrument jew mhumiex kapaċi jużawh. Minflok, dawn tal-aħħar joqogħdu fuq LoRs tradizzjonali skont il-Konvenzjonijiet tal-1959 u tal-MLA, kif ukoll il-Konvenzjoni tal-1990 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali, li jistgħu jinkludu talbiet għall-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' assi.

Ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust fl-2012 juri li din is-sitwazzjoni tidher li qed tippersisti minħabba: (i) il-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 (ma jippermettix għall-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska f'talba waħda), (ii) id-diffikultà fl-użu ta' ordni ta' ffriżar meta l-evidenza ta' ffriżar, li ma tkunx magħrufa għall-awtoritajiet emittenti fi żmien l-abbozzar tat-talba, isir magħruf fi stadju iktar tard fl-investigazzjoni, u (iii) perċezzjoni ġenerali li d-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 tinvolvi formalitajiet problematiċi oħrajn.

Kultant, il-qasma ġurisdizzjonali interna speċifika ta' wħud mill-Istati Membri ġġib magħha diffikultajiet oħrajn f'każijiet li fihom l-ordnijiet ta' ffriżar ikunu relatati ma' assi li jinsabu f'ġurisdizzjonijiet interni differenti.

Kultant id-diffikultajiet ifeġġu wkoll min-nuqqas ta' reġistru/database ċentrali nazzjonali dwar il-proċedimenti kurrenti f'każijiet ta' ordnijiet ta' ffriżar separati u mhux marbutin ma' xulxin fir-rigward tal-istess assi.

In-nuqqas ta' implimentazzjoni uniformi u l-użu tad-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 tkompli tgħarraq sitwazzjoni fejn l-iffriżar (u l-konfiska) ta' assi għadu mhuwiex ikkontemplat spiss mill-Istati Membri kollha fi stadju bikri tal-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjonijiet tal-kriminalità transkonfinali serja. In-numru relattivament żgħir ta' talbiet li jsiru lill-Eurojust għat-tħaffif tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar jirrifletti din is-sitwazzjoni.

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet identifika bħala l-aħjar prattiki: (i) l-inklużjoni, fi ħdan it-talba inizjali għall-iffriżar, ta' talba għall-bejgħ bikri ta' assi ffriżati (meta jkunu jmorru maż-żmien, jitilfu l-valur meta jgħaddi ż-żmien jew jinvolvu spejjeż ta' ġestjoni għoljin) qabel konfiska, (ii) kunsiderazzjoni bikrija tal-amministrazzjoni ta' fondi sakemm tittieħed deċiżjoni finali, u (iii) tfakkar lill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-2003. F'każ minnhom, l-assistenza tal-Eurojust irnexxilha tikseb l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar fi Stat Membru minnhom fl-istess jum li fih sar numru ta' arresti u perkwiżizzjonijiet fi Stat Membru ieħor.

Fl-2012, il-Kulleġġ indirizza kwistjoni ġenerali marbuta ma' ordnijiet ta' ffriżar, il-ġbir ta' informazzjoni fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali rigward il-possibilità ta' sekwestru ta' proprjetà li għandha tintuża fi proċedimenti ċivili u jekk tkunx applikabbli d-Deċiżjoni Kwadru tal-2003. Il-Eurojust ħadet sehem ukoll fit-taħditiet riċenti tal-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru ta' Assi (ARO) permezz tal-Punt ta' Kuntatt tal-ARO tagħha, u bħala osservatur fil-ħames serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar ir-reati finanzjarji u l-investigazzjonijiet finanzjarji.

## Il-konfiska u l-irkupru ta' assi

Id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-ordnijiet ta' konfiska u d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità ma ġewx implimentati mill-Istati Membri kollha, u b'hekk ir-raġunijiet komuni għall-konfiska u r-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' konfiska saru inċerti. Il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-konfiska għadha tvarja sew minn Stat Membru għal ieħor, hekk ukoll il-kunċetti ta' konfiska estiża, konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, u konfiska bbażata fuq il-valur.

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet dwar il-konfiska u l-irkupru tal-assi għadu limitat u juri li għad hemm proċeduri li jieħdu ż-żmien. Ir-rwol tal-Eurojust fit-tali każijiet huwa primarjament ta' tħaffif u medjazzjoni. Il-Eurojust tassisti fil-kjarifika tar-rekwiżiti legali fil-ġurisdizzjonijiet differenti u tħaffef it-trasmissjoni tat-talbiet. Bosta każijiet li ntemmu b'suċċess fl-2012 urew li l-assistenza tal-Eurojust hija kruċjali. F'każ minnhom, bis-saħħa biss tar-riċevuta tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-Eurojust, Stat Membru rnexxielu jikseb żewġ kundanni. L-awtoritajiet fiskali tiegħu rnexxielhom jirkupraw EUR 295 500, u l-persuni kkundannati ġew ordnati jħallsu b'kollox madwar EUR 900 000 lill-awtoritajiet

tat-taxxa. F'każ ieħor, grazzi għall-assistenza tal-Eurojust, ġew ikkonfiskati għaxar appartamenti lussużi fi Stat Membru.

Fir-rigward tal-għamla speċifika tal-ġestjoni tal-assi ffriżati, il-Eurojust ħaffet l-iskambju ta' fehmiet esperti minn awtoritajiet fiskali f'żewġ Stati Membri f'każ li involva EUR 110 000 f'assi ffriżati. F'każ ta' konfiska mhux ibbażat fuq kundanna, wara l-assistenza tal-Eurojust inħarġet ordni ta' konfiska fl-ammont ta' EUR 580 000.

Diffikultajiet rikorrenti feġġew fir-rigward tar-relazzjoni meħtieġa biex jintwera li l-assi jappartjenu għas-suspettat (ħlief f'każijiet ta' konfiska estiża, fejn l-obbligu tal-provi huwa inqas), u t-tul żejjed tal-proċedimenti rigward il-bejgħ ta' assi kkonfiskati, mgħarrqa mill-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet amministrattivi u burokrazija mhux neċessarja esperjenzata. Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet juri li l-kunsens tas-suspettat (f'ġurisdizzjonijiet fejn hija prevista l-possibilità ta' patteġġamenti) u l-bejgħ bikri ta' ċerti tipi ta' assi ffriżati minn qabel il-konfiska jista' jħaffef il-proċess ta' konfiska.

Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea, li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, għandha l-għan li tarmonizza d-definizzjonijiet għal ċerti oqsma tal-kriminalità serja u tfittex ukoll li tissostitwixxi b'mod parzjali d-Direttiva Kwadru tal-2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità. L-Opinjoni tal-Eurojust fuq dan l-abbozz tal-istrument ġiet sottomessa lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (Kumitat LIBE) tal-Parlament Ewropew fl-2012 (*ara wkoll* it-taqsima 2.1). Il-Eurojust kompliet tipprovdi appoġġ permezz tan-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN) ukoll, fejn tieħu sehem bħala osservatur.

### Il-kunsinni kkontrollati

Il-kunsinni kkontrollati jitqiesu bħala għodda utli, b'mod partikolari f'każijiet ta' traffikar ta' droga. Id-Deċiżjoni tal-Eurojust tipprevedi li l-Membri Nazzjonali jistgħu jingħataw is-setgħa li jawtorizzaw u jikkoordinaw il-kunsinni kkontrollati. Sal-lum, dik is-setgħa ngħatat biss lil numru limitat ta' Membri Nazzjonali.

Fl-2012, il-Eurojust kompliet tassisti fl-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti u/jew fis-soluzzjoni ta' diffikultajiet marbutin ma' dewmien, il-kisba ta' awtorizzazzjonijiet, it-traduzzjoni ta' LoRs, biex jingħelbu diffikultajiet proċedurali jew permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni li jħaffu t-twaqqif ta' għodod investigattivi bħal dawn f'każijiet kumplessi. Il-Eurojust kienet ta' għajnuna fil-prevenzjoni tal-kwistjoni *ne bis in idem* u, b'mod ġenerali, f'każijiet urġenti.

Tfaċċaw diffikultajiet minħabba: (i) disparitajiet fir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali għall-awtorizzazzjoni ta' kunsinni kkontrollati, (ii) pressjoni taż-żmien għat-twaqqif u t-twettiq ta' kunsinni kkontrollati, u (iii) identifikazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja tal-kunsinni kkontrollati, mgħarrqa f'każijiet li fihom it-transitu minn Stati Membri li mhumiex dawk direttament involuti fil-każ jeħtieġ anki hu awtorizzazzjoni. F'xi Stati Membri, l-awtorizzazzjoni għall-kunsinni kkontrollati, bħala għodda investigattiva speċifika, tingħata fil-livell ġudizzjarju, filwaqt li f'oħrajn taqa' taħt il-kompetenza tal-pulizija.

## 1.3 Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-Eurojust f'oqsma prijoritarji tal-kriminalità

### It-terroriżmu

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 32 | 27 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 3 | 1 |

*Is-sħubija f'organizzazzjoni terroristika kienet l-iktar reat imsemmi spiss fil-każijiet ta' terroriżmu tal-Eurojust. Il-każijiet riferiti lill-Eurojust fl-2012 ma dehrux marbutin ma' xi kategorija waħda ta' reati, iżda wrew varjetà kbira fit-tip ta' reati tagħhom, inklużi reati kontra l-ħajja, il-persuna jew il-libertà personali.*

Fuq il-bażi tal-kontribut u r-rakkomandazzjonijiet tal-korrispondenti nazzjonali tal-Eurojust għal kwistjonijiet dwar it-terroriżmu, il-Eurojust żviluppat il-kunċett u l-kontenuti tal-Osservatur tagħha tal-Kundanni tat-Terroriżmu (TCM), li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ġudizzjarji relatati mat-terroriżmu fl-Istati Membri, kif ukoll analiżi ġudizzjarja tal-każijiet magħżulin. Ingħatat attenzjoni speċjali lil ċerti aspetti ta' analiżi u huma previsti oqsma fokali addizzjonali għall-ħarġiet li jmiss tar-rapport. It-TCM huwa bbażat fuq informazzjoni maqsuma mal-Eurojust li tirriżulta mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005, kif ukoll sorsi miftuħin. Fl-2012 ġew ippubblikati tliet ħarġiet tat-TCM.

Il-Eurojust ikkontribwixxa għar-Rapport TE-SAT tal-Europol, billi pprovda analiżi kwantitattiva u kwalitattiva tad-deċiżjonijiet tal-qrati relatati mat-terroriżmu u ħarsa ġenerali lejn l-emendi tal-leġiżlazzjoni relatata mat-terroriżmu fl-Istati Membri.

Fil-qafas tal-Proġett Dinji tal-Ġustizzja, inizjattiva indipendenti ffokat fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt madwar id-dinja, il-Eurojust ħejja artiklu, *Strengthening Inter-State Cooperation – the Eurojust Experience* (*Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Interstatali – l-Esperjenza tal-Eurojust*), li ġie ppubblikat f'Counter-Terrorism: International Law and Practice f'Jannar 2012. L-artiklu jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif il-kooperazzjoni ġudizzjarja għandha titwettaq sabiex jiġu żgurati obbligi ta' sigurtà nazzjonali u reġjonali filwaqt li jiġi rrispettat l-istat tad-dritt.

Fl-20 ta' Ġunju, il-Eurojust organizza l-laqgħa strateġika annwali tiegħu dwar it-terroriżmu. Il-laqgħa ffokat fuq il-fenomenu tal-individwu waħdu involut fit-terroriżmu ("lone wolf") u netwerks soċjali f'kuntest tat-terroriżmu. Ir-riżultati ta' kwestonarju dwar dan is-suġġett inqasmu u dawk li jaħdmu fil-qasam iddiskutew u ppreżentaw eżempji ta' każijiet relevanti minn bosta Stati Membri u n-Norveġja.

Fil-11 u t-12 ta' Diċembru, workshop għal nies li jaħdmu fil-qasam, koorganizzat mill-Eurojust u l-Europol, ġabar flimkien speċjalisti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu mill-Indja u l-Unjoni Ewropea. L-għan tal-workshop kien li tiġi promossa kooperazzjoni ġudizzjarja billi jiġu definiti interessi komuni u

F'attakk b'bombi u sparaturi tal-massa fin-Norveġja fit-22 ta' Lulju 2011, individwu waħdu ħasad il-ħajja ta' 77 ruħ. Tnedew investigazzjonijiet fl-ewwel attakk terroristiku kbir fl-Ewropa li seħħ minn individwu waħdu u r-raba' l-ikbar attakk terroristiku fl-Ewropa sa mit-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Eurojust tat assistenza siewja f'bosta aspetti ta' dan il-każ tul l-investigazzjoni u l-fażijiet tal-proċess. Bl-involviment tal-Prosekutur ta' Kollegament tan-Norveġja fil-Eurojust u d-Desks Nazzjonali tal-Latvja u r-Renju Unit, malajr inkisbet informazzjoni bankarja mil-Latvja u Antigua u Barbuda. Id-Desk Nazzjonali tal-Polonja stħarreġ dwar talba għal assistenza legali biex jinstema' xhud. Id-Desks Nazzjonali ta' Spanja u r-Renju Unit minn jeddhom qasmu l-kompetenza tagħhom fil-ġestjoni ta' każ ta' terroriżmu tant kbir. Kuntatt dirett bejn id-Desk Franċiż u l-Prosekutur ta' Kollegament tan-Norveġja kkontribwixxa għall-eżekuzzjoni effettiva taż-żewġ LoRs lil Franza rigward l-identifikazzjoni, il-post u s-smigħ ta' xhud. Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti pprovda assistenza fl-eżekuzzjoni ta' talba urġenti għal smigħ ta' xhud permezz ta' vidjokonferenza tul il-proċedimenti tal-proċess.

L-assistenza pprovduta mill-Eurojust kienet komponent siewi tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-każ. L-assistenza kkonsistiet fit-tħaffif tat-talbiet tal-MLA u ppermettiet sabiex isir kuntatt personali dirett bejn l-Istati Membri u Stati terzi permezz ta' Desks nazzjonali u Prosekuturi ta' Kollegament fil-Eurojust. L-isforzi tal-Eurojust ikkontribwixxew għal kooperazzjoni ġudizzjarja effiċjenti, effettiva u li ffrankat iż-żmien bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Is-smigħ tal-qorti ġie organizzat fin-Norveġja minn April sa Ġunju 2012. Fl-24 ta' Awwissu 2012, l-akkużat instab ħati u ngħata s-sentenza massima ta' priġunerija fin-Norveġja, detenzjoni preventiva għal 21 sena, b'sentenza minima ta' 10 snin.

jiġu riflessi fuq l-istandards ta' kooperazzjoni. Jum sħiħ ġie ddedikat għall-kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja u każijiet komuni tal-għlieda kontra t-terroriżmu. F'tentattiv li tinġabar informazzjoni ġudizzjarja pertinenti qabel id-dibattiti, il-Eurojust qassmet kwestjonarju fuq dawn il-kwistjonijiet lill-awtoritajiet tal-għlieda kontra t-terroriżmu fl-Istati Membri.

## It-traffikar ta' droga

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 263 | 242 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 59 | 50 |
| In-numru ta' JITs | 13 | 7 |

*Analiżi tat-tip ta' reati tikkonferma li l-organizzazzjoni kriminali u l-ħasil tal-flus ferm spiss huma marbutin ma' każijiet ta' traffikar ta' droga riferiti lill-Eurojust. L-iktar Stati Membri involuti f'dan it-tip ta' reat billi talbu kooperazzjoni ġudizzjarja fil-Eurojust kienu l-Iżvezja, Franza u l-Italja, filwaqt li l-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja u l-Belġju kienu dawk li sarulhom l-iktar talbiet.*

F'Jannar, il-Eurojust ippubblika r-rapport finali dwar il-proġett strateġiku tiegħu, *Tisħiħ tal-ħidma tal-Eurojust fil-każijiet ta' traffikar ta' droga*, li xeħet dawl fuq il-kumplessità tal-attivitajiet meħtieġa biex tiġi koordinata l-investigazzjoni ta' każijiet ta' livell għoli ta' traffikar ta' droga. Is-sejbiet preliminari ta' dan il-proġett ġew diskussi tul seminar strateġiku fi Krakovja f'Ottubru 2011. Ir-rapport finali jiddiskuti l-bosta diffikultajiet li jfeġġu fl-iskambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni, kunflitti ta' ġurisdizzjoni, l-eżekuzzjoni ta' talbiet tal-MLA u EAWs, JITs, kunsinni kkontrollati, irkupru ta' assi u relazzjonijiet ma' Stati terzi. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-azzjonijiet fil-għlieda kontra t-traffikar ta' droga li ħarġu mir-rapport ġew ippreżentati lill-Kumitat Permanenti tal-UE għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) f'Ġunju. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Eurojust sawret Pjan ta' Azzjoni 2012 - 2013, b'rakkomandazzjonijiet biex jitjieb ix-xogħol fuq il-każijiet f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali.

Fil-kuntest tal-Pjattaforma Multidixxiplinarja Kontra t-Theddid mill-Kriminalità (EMPACT), il-Eurojust ħadet sehem, fost l-oħrajn, f'erba' proġetti relatati mat-traffikar ta' droga b'enfasi speċjali fuq drogi sintetiċi, it-traffikar minn gruppi tal-kriminalità organizzata tal-Punent tal-Afrika, it-traffikar mill-Balkani tal-Punent, u t-traffikar fi vjeġġi bil-kontejners.

Ir-rappreżentanti tal-Eurojust ikkontribwixxew għal studju preparatorju għall-valutazzjoni tal-impatt fuq strument leġiżlattiv ġdid li jieħu post id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI dwar it-traffikar illeċitu ta' drogi.

Il-Eurojust ġiet rappreżetata fit-*Tieni konferenza Ewropea dwar l-indikaturi tal-provvista tad-droga* taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) li saret f'Lisbona f'Novembru. In-negozjati formali għal Memorandum ta' Qbil bejn il-Eurojust u l-EMCDDA bdew fi tmiem l-2012.

Fil-kuntest ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina, il-Eurojust attenda s-seminar ta' livell għoli tal-Assemblea Parlamentari Ewropea-Amerika Latina dwar il-*Ġlieda Kontra t-Traffikar ta' Droga u l-Kriminalità Organizzata fl-Ewropa u fl-Amerika Latina* fil-Messiku fi Frar. Barra minn hekk, ġiet mistħarrġa kooperazzjoni man-Netwerk ta' Prosekuturi kontra l-Kriminalità Organizzata fl-Amerika Ċentrali (REFCO), inizjattiva tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drogi u l-Kriminalità Organizzata (UNODC).

Il-kooperazzjoni man-Netwerk Ibero-Amerikan ta' Kooperazzjoni Legali Internazzjonali (IberRed) tat bosta benefiċċji.

## It-traffikar tal-bnedmin

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 60 | 79 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 20 | 24 |
| In-numru ta' JITs | 6 | 6 |

*Analiżi tat-tip ta' reat turi li madwar nofs il-każijiet kienu jittrattaw THB bħala reat waħdu. Is-sħubija f'organizzazzjoni kriminali spiss kienet involuta f'każijiet ta' THB riferiti lill-Eurojust, segwita mill-immigrazzjoni illegali. L-iktar Stati Membri involuti f'dan it-tip ta' reat skont il-każijiet miftuħin fil-Eurojust huma l-Ġermanja u r-Renju Unit, segwiti mill-Bulgarija u Spanja; l-iktar Stati Membri mitlubin għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam huma r-Rumanija, il-Bulgarija u l-Pajjiżi l-Baxxi.*

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2011 tal-Aġenziji tal-ĠAI enfasizzat fuq l-indirizzar tat-THB b'mod koordinat, koerenti u komprensiv u rriżultat fl-impenn meħud mill-Eurojust sabiex iżżid l-isforzi tagħha biex tassisti lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn, f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet tat-THB, u fil-koordinazzjoni ta' azzjoni transfruntiera.

Bħala segwitu għal din id-Dikjarazzjoni Konġunta u b'konformità mal-Istrateġija tal-UE lejn l-Eradikazzjoni tat-THB 2012 - 2016, il-Eurojust nediet proġett strateġiku, *L-Azzjoni tal-Eurojust kontra t-Traffikar tal-Bnedmin*, biex issaħħaħ u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali fil-ġlieda kontra t-THB; ittejjeb l-użu effiċjenti tal-istrumenti legali eżistenti; tintensifika l-isforzi fil-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati f'livell nazzjonali; u ssaħħaħ l-involviment tal-Eurojust f'każijiet ta' THB. Il-proġett kien ibbażat fuq (i) analiżi tat-tweġibiet għal kwestonarju mibgħut lill-Istati Membri kollha, il-Kroazja u n-Norveġja; (ii) analiżi ta' każijiet speċifiċi tal-Eurojust fuq it-THB fil-perjodu tal-1 ta' Jannar 2008 - 31 ta' Diċembru 2011; u (iii) konklużjonijiet milħuqin minħabba laqgħa strateġika dwar it-THB li saret fil-Eurojust f'April 2012. L-eżiti ntużaw biex jinħareġ *Rapport Finali u Pjan ta' Azzjoni għall-2012 – 2016*, ippreżentat fil-Jum Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar fi Brussell fit-18 ta' Ottubru 2012.

Il-Eurojust appoġġjat inizjattivi ta' taħriġ organizzati mill-Frontex u s-CEPOL billi pprovdiet esperjenza u

Bosta netwerks ta' distribuzzjoni tat-traffikar ta' droga fl-Awstrija, il-Ġermanja, il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi twaqqfu minn OCG minn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Ġew organizzati trasporti kbar ta' eroina li jibdew minn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja lejn il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi. Ladarba d-drogi waslu fl-Ewropa tal-Punent, l-eroina tqassmet fi kwantitajiet li jaslu sa 5 kg lejn Frankfurt u Vjenna. Deher li kien hemm xi rabtiet mar-Renju Unit, l-Iżvezja, id-Danimarka, Franza u l-Iżvizzera.

Grazzi għall-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Awstrija u l-Ġermanja u investigazzjonijiet intensivi, inqabdu kwantitajiet kbar ta' eroina fiż-żewġ pajjiżi. Filwaqt li ġew arrestati bosta membri ta' livell baxx tal-OCG, dawn ġew sostitwiti fi żmien jumejn, tlieta. Biex jissaħħu l-isforzi komuni fil-ġlieda kontra l-OCG, il-partijiet qablu li l-Eurojust għandu jikkoordina l-investigazzjonijiet fl-Istati Membri, u jippromwovi t-tnedija ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Minn meta beda l-involviment tal-Eurojust fl-investigazzjonijiet, la l-Pajjiżi l-Baxxi u lanqas dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ma kienu għadhom fetħu proċedmenti kriminali nazzjonali. Peress li dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ma tippermettix li ssir estradizzjoni taċ-ċittadini tagħha stess, u peress li ħafna mis-suspettati kienu jgħixu hemm, il-Eurojust organizza żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni biex iħeġġeġ l-involviment tagħhom u jitħaffu l-investigazzjonijiet. Bis-saħħa tal-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni organizzata fil-Eurojust, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fetħet proċedimenti kriminali. L-investigazzjonijiet ikkoordinati rriżultaw fl-arresti u l-kundanni tas-suspettati ewlenin u bosta awturi oħrajn.

Wara, l-OCG reġa' bena n-netwerk tiegħu u ġiet organizzata t-tielet laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust biex jiġi diskuss dwar kif titrawwem kooperazzjoni. Bosta problemi legali kkaġunati minn differenzi fis-sistemi legali tal-pajjiżi involuti, kienu ta' xkiel għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni u l-involviment sħiħ tal-imsieħba potenzjali. Din it-tielet laqgħa ta' koordinazzjoni pprovdiet forum għal dibattitu profond dwar kif jingħelbu kwalunkwe kwistjonijiet legali u biex jinstabu soluzzjonijiet potenzjali li jgħaqqdu l-użu ta' bosta strumenti ġudizzjarji. Wara konsultazzjoni u ftehim fil-livell nazzjonali dwar il-miżuri proposti li għandhom jiġu adottati, laqgħa ta' koordinazzjoni oħra (ir-raba' waħda) fil-Eurojust irriżultat fit-twaqqif ta' JIT bejn l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li huwa attiv bħalissa. Il-JIT irċieva appoġġ finanzjarju permezz tal-Proġett ta' Finanzjament tal-JITs tal-Eurojust.

kompetenza. Il-Eurojust stabbilixxiet kuntatti mal-Grupp Informali tan-NU dwar it-Traffikar ta' Bnedmin u mal-Pjattaforma dwar it-Traffikar tal-Bnedmin imwaqqfa mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Prosekuturi (IAP).

Il-Eurojust ħadet sehem fil-proġett EMPACT li fil-mira tiegħu kellu t-THB, u ħadet sehem ukoll fil-proġett *L-introduzzjoni tar-rekwiżiti għat-twaqqif ta' JITs biex jiġġieldu t-THB fix-Xlokk tal-Ewropa*, immexxi mill-Bulgarija u s-Slovenja, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll fuq il-ħarsien tal-vittmi.

## Frodi

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati* (* Iċ-ċifri totali għall-2012 ma jistgħux jitqabblu mas-snin ta' qabel – ara l-ispjegazzjoni hawn taħt) | 382 | 218 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 33 | 58 |
| In-numru ta' JITs | 11 | 4 |

*Imbrolju (86 każ) u frodi tal-VAT (58 każ) dehru bl-ikbar prominenza fl-2012. L-analiżi tat-tip ta' reat turi li l-maġġoranza tal-każijiet (256) kienu jittrattaw frodi bħala reat waħdu. Madankollu, kriminalità organizzata, falsifikazzjoni ta' dokumenti u ħasil tal-flus kienu l-iktar reati spiss marbutin ma' frodi f'każijiet fejn ma kienx reat waħdu. L-iktar Stati Membri attivi fil-ftuħ ta' każijiet ta' dan it-tip ta' reat kienu l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija; dawk li l-iktar li sarulhom talbiet kienu r-Renju Unit, Spanja u l-Ġermanja.*

Fl-2012 il-Eurojust applikat kriterji ġodda għall-klassifikazzjoni statistika tal-każijiet tal-Eurojust skont it-tip ta' reat. Dawn il-bidliet jispjegaw iż-żieda apparenti f'każijiet ta' frodi.

Il-Eurojust ħadet sehem ukoll f'laqgħa ta' esperti organizzata mill-Europol fi ħdan il-qafas tal-Punt Fokali dwar il-frodi tal-Intra-Komunità dwar il-Kummerċjanti Neqsin tal-Europol (MTIC).

Franza fetħet każ ta' traffikar tal-bnedmin li involva l-isfruttament sesswali ta' ċittadini Bulgari. Il-membri ta' OCG sabu vittmi fil-Bulgarija għall-prostituzzjoni mġiegħla f'bosta pajjiżi Ewropej.

L-awtoritajiet Franċiżi talbu l-appoġġ tal-Eurojust biex jiġu identifikati proċedimenti paralleli possibbli fil-Belġju u biex jitħaffef it-twaqqif ta' JIT. Wara laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust, l-awtoritajiet Belġjani nedew investigazzjoni preliminari mmirata fuq żewġ suspettati li dehru fi proċedimenti fi Franza.

Twaqqaf JIT li jinvolvi lil Franza, il-Bulgarija, il-Eurojust u l-Europol biex jitħaffef l-iskambju ta' informazzjoni u evidenza. Il-JIT irċieva appoġġ finanzjarju permezz tal-Proġett ta' Finanzjament tal-JIT. L-investigazzjonijiet iffokaw kemm fuq il-lat tat-traffikar tal-bnedmin tal-attività kriminali kif ukoll fuq il-flussi finanzjarji li rriżultaw minnha. F'dan ir-rigward, l-analiżi mill-Eurojust tat-tranżazzjonijiet finanzjarji permezz ta' rimessi b'Western Union kienet ta' għajnuna partikolari fl-identifikazzjoni tal-profitti illeċiti mibgħuta minn Franza lejn is-suspettati ewlenin li kienu jgħixu l-Bulgarija.

Wara investigazzjoni profonda mill-JIT, Franza nediet jum ta' azzjoni komuni. Minħabba l-livell għoli ta' mobilità tal-OCG, anki l-awtoritajiet Belġjani u Pollakki ħadu sehem fil-jum ta' azzjoni. Twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fil-Eurojust bil-parteċipazzjoni tad-Desks Nazzjonali involuti tal-Eurojust, l-Unità ta' Analiżi tal-Każijiet u l-Europol, biex jiġu żgurati teħid tad-deċiżjonijiet u skambju tal-informazzjoni f'ħin reali. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni ħaffef ukoll il-ħruġ ta' erba' EAWs matul il-jum ta' azzjoni u pprovda analiżi u kontroverifika tal-informazzjoni, li identifikat rabtiet ma' investigazzjonijiet oħrajn fl-Unjoni Ewropea. Ġew sekwestrati evidenza dokumentarja u telefowns ċellulari fi 13-il perkwiżizzjoni, ġew eżegwiti sitt EAWs u ġew arrestati disa' persuni.

## Il-korruzzjoni

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 30 | 26 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 7 | 19 |
| In-numru ta' JITs | 3 | 1 |

*Il-maġġoranza tal-każijiet kienet marbuta ma' ħasil tal-flus u frodi.*

Il-Eurojust ittratta bosta każijiet li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku li jinvolvi fondi tal-UE jew proċedura tal-offerti.

Il-Eurojust ħadet sehem fi grupp ta' reviżjoni tal-esperti li ħares lejn is-sejbiet tal-istudju ffinanzjat mill-Kummissjoni, *Żvilupp ta' Mekkaniżmi ta' Evalwazzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż ta' korruzzjoni fl-Akkwist Pubbliku li jinvolvi Fondi tal-UE*. Il-Eurojust ipprovdiet il-kompetenza tagħha fil-qasam ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni.

F'Settembru 2012, il-Eurojust ħadet sehem fid-dibattitu ta' *Euronews* b'xandira televiżiva dwar il-korruzzjoni. F'din l-okkażjoni, inxteħet enfasi fuq ir-rwol tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif ukoll fuq il-proposti konkreti biex jiġu indirizzati l-problemi affaċċjati mill-prosekuturi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. Dawn il-problemi u l-proposti tal-Eurojust ġew diskussi matul dibattitu li sar fil-Eurojust, wara li fl-2011 ġie adottat il-pakkett tal-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni mill-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE. Il-messaġġ ewlieni kien li l-Eurojust hija impenjata b'mod attiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li l-iżvilupp tal-Eurojust fil-ġejjieni, fid-dawl tat-TFUE, huwa mfassal sabiex iżid l-effiċjenza u l-effettività tagħha.

L-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Iżvezja talbu lid-Desk Żvediż tal-Eurojust biex iwaqqaf laqgħa ta' koordinazzjoni sabiex fiha jiġi diskuss in-numru ta' xkiel legali dwar l-investigazzjoni f'każ avvanzat ta' frodi "boiler room", magħruf bħala "frodi ta' investiment b'rendiment għoli". Il-każ kien marbut mal-Finlandja, l-Iżlanda, Ċipru u r-Renju Unit. Fl-Iżvezja, ġew identifikati 19-il vittma, li ġarrbu frodi ta' EUR 800 000 b'kollox.

Il-laqgħa ta' koordinazzjoni organizzata fil-Eurojust kellha l-għanijiet li ġejjin: li tiġi skambjata informazzjoni fuq l-evidenza u l-intelliġenza miġbura fil-pajjiżi involuti, li jiġi stabbilit liema pajjiż kien fl-aħjar pożizzjoni biex iressaq il-każ, u li jiġi deċiż fuq il-possibilità li jiġġedded il-ftehim bilaterali tal-JIT bejn l-Iżvezja u l-Finlandja. Wara l-laqgħa ta' koordinazzjoni, il-ftehim bilaterali tal-JIT bejn l-Iżvezja u l-Finlandja ġġedded u ġie estiż għar-Renju Unit, Ċipru u l-Iżlanda. Il-Eurojust ħaffef il-proċess ta' emenda tal-ftehim tal-JIT u pprovda l-finanzjament neċessarju tal-UE permezz tal-Proġett ta' Finanzjament tal-JIT. Fil-laqgħa ta' koordinazzjoni, il-pajjiżi kollha qablu li l-Iżvezja kellha tmexxi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dan il-każ ta' frodi, biex b'hekk jiġi evitat kunflitt ta' ġurisdizzjoni.

## Iċ-ċiberkriminalità

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 42 | 24 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 5 | 10 |
| In-numru ta' JITs | 2 | 2 |

*Analiżi tat-tip ta' reat tikkonferma li kriminalità organizzata, frodi u ħasil tal-flus spiss kienu marbutin ma' każijiet ta' ċiberkriminalità riferiti lill-Eurojust. Sehem qawwi ta' dawn il-każijiet kien jikkonċerna phishing jew stampi online ta' abbuż fuq tfal. L-iktar Stati Membri involuti f'dan it-tip ta' reat bħala pajjiżi li għamlu talbiet kienu r-Rumanija, il-Belġju, l-Estnoja, il-Ġermanja, Franza u l-Italja; l-iktar Stati Membri li spiss sarulhom talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja kienu l-Italja, ir-Renju Unit u l-Ġermanja, segwiti minn Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-perjodu ta' rapportar, il-Eurojust organizza ċentru ta' koordinazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità.*

Il-Eurojust reġa' ħa sehem fil-Pjattaforma Ewropea dwar iċ-Ċiberkriminalità, inkluża s-Sistema Online ta' Rapportar ta' Reati fuq l-Internet (I-CROS) u l-Punt Fokali Cyborg tal-Europol.

B'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew dwar iċ-Ċiberkriminalità (EC3), li saħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li EC3 jaħdem mill-qrib mal-Eurojust, il-Kulleġġ tal-Eurojust ħatar rappreżentant tal-Kulleġġ għall-Bord tal-Programm tal-EC3 f'Diċembru 2012. Matul l-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Programm tal-EC3, il-Eurojust ipproponiet sabiex taġixxi bħala punt fokali għall-partijiet ġudizzjarji interessati u sabiex tinvestiga r-rabtiet kollha possibbli bejn l-EC3 u t-taħriġ fiċ-ċiberkriminalità għall-ġudikatura fl-Istati Membri. Il-Kulleġġ tal-Eurojust iddeċieda li jistabbilixxi Task Force fil-Eurojust dwar iċ-ċiberkriminalità u reati relatati maċ-ċiberkriminalità, kif ukoll li jissekonda membru tal-persunal għal EC3 sabiex jiżgura kopertura tad-dimensjoni ġudizzjarja.

Peress li l-kamp ta' azzjoni tal-Eurojust jestendi wkoll għall-kooperazzjoni ma' Stati terzi, il-Eurojust organizza workshop dwar iċ-ċiberkriminalità fi ħdan il-kuntest tal-*Workshop dwar l-applikazzjoni tal-Assistenza Legali Reċiproka u l-Ftehimiet ta' Estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika*, li sar fil-25 u s-26 ta' Ottubru.

Ir-rappreżentanti ta' kumpanija Finlandiża li tipproduċi vetturi blindati kienu suspettati li xaħħmu lill-uffiċjali tal-gvern Kroat u lil uħud li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-gvern Kroat. L-awtoritajiet Finlandiżi kienu fetħu investigazzjoni fuq suspett ta' tixħim aggravat, wara li skoprew li t-tranżazzjonijiet ta' flus relatati ma' dan in-negozjar kienu simili għal negozjar ieħor li sar bejn l-istess kumpanija u l-awtoritajiet Sloveni. Kumpanija Awstrijaka aġixxiet ta' aġent fit-tranżazzjonijiet bejn iż-żewġ partijiet, billi rċiviet ħlasijiet mill-produttur tal-vetturi. L-awtoritajiet Finlandiżi kellhom raġunijiet għaliex jemmnu li r-reat ta' tixħim twettaq bħala parti minn ħlasijiet bil-quddiem relatati man-negozjar.

Bl-appoġġ tal-Eurojust, twaqqaf JIT. Il-JIT ippermetta lill-awtoritajiet Finlandiżi, Awstrijaki u Kroati kompetenti sabiex b'mod konġunt iwettqu investigazzjonijiet effettivi qabel il-proċess. Fi ħdan il-qafas tal-JIT, l-awtoritajiet nazzjonali rnexxielhom iwettqu l-intervisti neċessarji, jużaw mezzi ta' persważjoni u jieħdu azzjonijiet investigattivi meħtieġa oħrajn. Il-Eurojust organizza żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni, u ppermetta sabiex il-parteċipanti fil-JIT jaqblu fuq l-abbozzar ta' pjan operazzjonali li għandu jiġi ffirmat mill-partijiet kollha għall-JIT. Intwera li l-appoġġ tal-Eurojust huwa importanti biex il-partijiet għall-investigazzjonijiet ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv u jiksbu fiduċja reċiproka. Fl-2012, il-Eurojust kompliet tħaffef ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali f'dan il-każ.

## Il-ħasil tal-flus

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 144 | 122 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 34 | 27 |
| In-numru ta' JITs | 8 | 4 |

*L-analiżi turi li numru notevoli ta' każijiet (64) kellu x'jaqsam ma' ħasil tal-flus bħala reat waħdu. Frodi, kriminalità organizzata u traffikar ta' droga kienu l-iktar kategoriji ta' reati spiss assoċjati ma' ħasil tal-flus f'każijiet li fihom il-ħasil tal-flus ma deherx li huwa reat waħdu. L-iktar Stati Membri attivi fit-tnedija ta' każijiet kienu l-Awstrija, Ċipru u r-Renju Unit. L-iktar Stati Membri li sarulhom talbiet kienu l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u Franza.*

Il-Eurojust attendiet laqgħat tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u ħadet sehem fil-laqgħa tal-esperti organizzata mill-Europol fi ħdan il-qafas tal-Punt Fokali Sustrans tiegħu.

## Il-grupp tal-kriminalità organizzata (mobbli)

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 231 | 197 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 43 | 56 |
| In-numru ta' JITs | 5 | 6 |

*Analiżi tat-tip ta' reat turi li numru notevoli ta' każijiet (68) ittrattaw il-kriminalità organizzata bħala reat waħdu. F'każijiet fejn dan ma kienx reat waħdu, it-traffikar ta' droga kien l-iktar tip ta' reat assoċjat mal-kriminalità organizzata, segwit minn frodi, reati*

OCG kien ilu juża dejta ffalsifikata u misruqa dwar il-karti tal-kreditu minn Awwissu 2010 biex iħallas għal prodotti mixtrija minn siti fuq l-internet Ġermaniżi. Dawn il-prodotti, li fil-parti l-kbira kienu elettroniċi ta' kwalità għolja bħal tablets, kameras diġitali, televiżjonijiet bi skrin ċatt u telefowns ċellulari, kif ukoll ilbies u arloġġi ta' disinjaturi, intbagħtu lil negozjanti tal-prodotti fil-Ġermanja, li mbagħad kienu jgħaddu dawn il-pakketti lejn in-naħa ta' fuq tal-Ewropa (b'mod partikolari l-Estonja).

Ġew organizzati żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust. Fl-ewwel laqgħa fl-2011, ġie ffirmat ftehim tal-JIT bejn l-Estonja u l-Ġermanja sabiex jiġu identifikati s-suspettati u jitkisser l-OCG. Il-membri tal-JIT skambjaw ukoll informazzjoni biex jitħaffu l-prosekuzzjonijiet fiż-żewġ pajjiżi. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Estonja kienu jeħtieġu informazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi rigward ir-reati predikati relatati mal-ħasil tal-flus imwettaq fil-Ġermanja. Minħabba d-differenzi fil-proċedura kriminali, l-awtoritajiet Ġermaniżi pproduċew l-informazzjoni għall-fini tal-proċedimenti Ġermaniżi, li ma kinux konformi mar-rekwiżiti legali tal-Estonja. Fi ħdan il-qafas tal-JIT, ġew solvuti l-problemi u malajr tfasslet dokumentazzjoni oħra mill-awtoritajiet Ġermaniżi, li ppermettiet sabiex l-awtoritajiet Estonjani jissodisfaw ir-rekwiżiti evidenzjarji tal-proċedura kriminali tagħhom.

Grazzi għall-investigazzjonijiet, fl-2011, fil-Ġermanja ġew sekwestrati prodotti b'valur stmat ta' EUR 250 000. Il-ħsarat totali kkaġunati mill-awturi kienu stmati għal EUR 3 miljun. Fil-proċedimenti ġudizzjarji tal-Estonja, 27 suspettat ġew identifikati u akkużati b'ħasil tal-flus.

Fl-2012, saret it-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust, li matulha l-awtoritajiet tal-pajjiżi rispettivi indikaw li l-investigazzjonijiet skoprew rabtiet mar-Russja, l-Italja, ir-Renju Unit, l-Awstrija u l-Litwanja.

*kontra l-ħajja, il-persuna jew il-libertà personali u THB. L-Istati Membri li l-iktar spiss irreġistraw każ marbut mal-kriminalità organizzata kienu l-Italja, l-Awstrija u l-Bulgarija; l-iktar Stati Membri li spiss sarulhom talbiet għall-kooperazzjoni kienu l-Italja, il-Belġju u r-Renju Unit.*

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata għadhom preżenti fix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet, mhux biss bħala sitwazzjoni waħedha, iżda anki bħala karatteristika trażversali li żżid komponent iktar serju ma' reati oħrajn.

Biex jiġi żgurat allinjament mal-prijoritajiet tal-UE, id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 2012-10 dwar il-prijoritajiet operazzjonali tal-Eurojust 2012 - 2013 introduċew gruppi tal-kriminalità organizzata mobbli (itineranti) bħala kategorija differenti ta' kriminalità organizzata. Din il-kategorija tirreferi għal netwerks kriminali itineranti li joperaw madwar l-Unjoni Ewropea, normalment speċjalizzati f'oqsma kriminali bħal serq mid-djar, serq ta' vetturi blindati, u serq ta' metall.

Il-Eurojust ippromwoviet approċċi multidixxiplinari lejn il-kriminalità organizzata. Seminar strateġiku organizzat b'mod konġunt mal-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-UE *Approċċ Multidixxiplinari Lejn il-Kriminalità Organizzata: Miżuri Amministrattivi,*

L-awtoritajiet fi Spanja u r-Renju Unit kienu qed jinvestigaw skema elaborata ta' ħasil tal-flus. L-attivitajiet illegali inkludew l-importazzjoni, ix-xiri u d-distribuzzjoni ta' drogi kkontrollati. Uħud mill-metodu użati mill-OCG għall-ħasil ta' iktar minn EUR 2 miljun kienu jinkludu frodi ipotekarji, bejgħ frawdolenti ta' vetturi u x-xiri ta' assi kemm fi Spanja kif ukoll fir-Renju Unit.

L-għan tal-investigazzjoni kien li tidentifika l-investimenti tal-OCG fi Spanja u sabiex tkompli bis-sekwestru ta' assi. Il-Eurojust ħaffet l-iskambju ta' informazzjoni bejn Spanja u r-Renju Unit, sabiex l-awtoritajiet Spanjoli jkunu jistgħu jidentifikaw proprjetajiet addizzjonali li huma proprjetà ta' membri tal-OCG ibbażat Spanja. L-analiżi tad-dejta mill-Europol għenet sabiex jiġu identifikati r-relazzjonijiet bejn il-membri u l-assoċjati tal-OCG. Wara żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet Spanjoli arrestaw bosta suspettati u ssekwestraw l-assi tagħhom.

*Segwitu Ġudizzjarju u r-Rwol tal-Eurojust*, sar f'Kopenħagen f'Marzu 2012.

Il-Eurojust ħadet sehem ukoll f'laqgħa tan-Netwerk Informali dwar l-approċċ amministrattiv biex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità organizzata, u kkontribwixxiet b'mod attiv bħala membru tal-grupp ċentrali tan-netwerk fil-ħolqien ta' komunità virtwali mwaqqfa għal dawk li jaħdmu f'dan il-qasam.

L-indirizzar taċ-ċessjoni tar-rikavat tal-kriminalità organizzata għadu ta' tħassib għall-Eurojust, kif indirizzata tul is-seminar, *Konfiska u Kriminalità Organizzata: proċeduri u perspettivi fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali*, li sar f'Palermo f'Mejju 2012.

## L-immigrazzjoni illegali

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 29 | 31 |
| In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni | 18 | 13 |
| In-numru ta' JITs | 4 | 2 |

*Analiżi tat-tip ta' reat turi li madwar nofs il-każijiet trattaw l-immigrazzjoni illegali bħala reat waħdu. THB, kriminalità organizzata u falsifikazzjoni ta' dokumenti kienu l-iktar reati li spiss kienu assoċjati mal-immigrazzjoni illegali f'każijiet li fihom ma kienx reat waħdu. L-iktar Stati Membri attivi fit-tnedija ta' każijiet kienu Franza, l-Awstrija u l-Italja, l-iktar Stati Membri li sarulhom talbiet għal kooperazzjoni kienu l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit.*

Kif intqal iktar 'il fuq, il-prijoritajiet operazzjonali tal-Eurojust huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE u issa jinkludu l-immigrazzjoni illegali bħala prijorità. Dan it-tip ta' reat huwa inkluż għall-ewwel darba fir-Rapport Annwali tagħna.

Il-Eurojust ħadet sehem fil-proġett EMPACT li jittratta l-immigrazzjoni illegali.

## Ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE

| L-istatistiki tar-reati | 2012 | 2011 |
|---|---|---|
| In-numru ta' każijiet irreġistrati | 27 | 21 |

Il-Eurojust xeħtet attenzjoni partikolari fuq il-qasam ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE (l-hekk imsejħa reati PIF). Bħal f'oqsma ta' reati oħrajn, il-Eurojust ipprovdiet assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali billi ħaffet l-eżekuzzjoni minnufih ta' LoRs u l-koordinazzjoni tal-passi li għandhom jittieħdu fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Pereżempju, il-Eurojust organizzat laqgħat ta' koordinazzjoni, iffaċilitat l-iffriżar u l-konfiska tar-

L-awtoritajiet Taljani kienu qed jinvestigaw OCG involut fl-approprjazzjoni ta' vetturi heavy-duty (trakters, semitrejlers, trakkijiet, eċċ) permezz ta' miżapproprjazzjoni u simulazzjoni ta' serqiet għad-dannu ta' kumpaniji ta' kiri, li kkaġunaw telf ta' bosta miljuni ta' ewro. Il-pjanċi tan-numru tal-liċenzja u n-numru ta' reġistrazzjoni tbiddlu u wara l-vetturi nbiegħu fl-Ewropa tal-Lvant, l-Afrika ta' Fuq, l-Albanija, it-Turkija, il-Polonja u l-Arabja Sawdita. L-OCG kien qed jopera l-Italja, l-Awstrija u l-Ġermanja. L-awtoritajiet Taljani talbu l-appoġġ tad-Desk Nazzjonali Taljan biex jestendu l-investigazzjonijiet għal dawn il-pajjiżi.

Il-Eurojust intalbet tfassal eżekuzzjoni simultanja tal-EAWs u mandati ta' arrest. Id-Desks Nazzjonali involuti kkoordinaw l-azzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u qablu fuq jum ta' azzjoni komuni f'Diċembru 2011. Dakinhar, saru 13-il arrest fl-Italja, wieħed fl-Awstrija u wieħed fil-Ġermanja, u sar ukoll numru kbir ta' perkwiżizzjonijiet. Wara l-azzjonijiet, l-appoġġ tal-Eurojust kien meħtieġ biex tħaffef l-eżekuzzjoni ta' iktar talbiet tal-MLA u sabiex jiġi diskuss l-aħjar mod biex jiġu koordinati l-proċeduri kriminali fil-ġurisdizzjonijiet affettwati biex jiġu evitati kwistjonijiet ne bis in idem. Waħda mis-suspettati ġiet arrestata fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, iżda ma setgħetx tiġi estradita skont il-liġi nazzjonali, u b'hekk kellha titħarreġ f'dik il-ġurisdizzjoni. Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, saret laqgħa ta' koordinazzjoni f'Marzu 2012, li fiha l-partijiet qablu fuq it-trasferiment tal-proċedimenti Taljani lejn l-awtoritajiet Awstijaki.

rikavat tar-reati u ħadet ħsieb talbiet urġenti, b'mod partikolari meta kienu resqin il-limiti ta' żmien statutorji nazzjonali.

Fit-tweġiba tal-Eurojust ta' Ġunju 2012 lill-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea, *Harsien tal-interessi finanzjarji tal-UE u tisħiħ tal-prosekuzzjonijiet*, il-Eurojust saħqet li, minn perspettiva ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, problemi preżenti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jistgħu jkunu ġejjin minn differenzi fil-proċedimenti kriminali fl-Istati Membri, bħal limitazzjonijiet statutorji u regoli dwar il-ġbir ta' evidenza. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' riżorsi u l-ispeċjalizzazzjoni fil-livell nazzjonali jistgħu joħolqu diffikultajiet prattiċi fil-ġlieda kontra reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. F'każijiet kriminali serji, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi stadju bikri huma essenzjali. Meta tintalab hekk, il-Eurojust tipprovdi dawn it-tipi ta' assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-Eurojust esperjenzat diffikultajiet fil-ġbir ta' statistiki affidabbli għal dawn ir-reati, l-iktar minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' reat tal-PIF fil-livell tal-UE, sitwazzjoni li tirriżulta f'fehmiet differenti, kemm fl-Istati Membri kif ukoll, konsegwentement, fid-Desks Nazzjonali, dwar x'jikkostitwixxi reat bħal dan.

Biex jindirizza l-problema, f'Diċembru 2012 il-Kulleġġ adotta miżuri biex itejjeb il-ġbir ta' dejta statistika u l-analiżi legali tal-ħidma tal-Eurojust fuq il-każijiet relatata ma' reati PIF. Il-Eurojust issegwi b'interess il-*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali*.

Fl-14 ta' Settembru 2012 il-Eurojust ippreżentat tweġiba dettaljata għall-*House of Lords: Sejħa għal evidenza fuq Politiki tal-UE u azzjonijiet għall-ġlieda ta' frodi kontra l-interess finanzjarju tal-UE*.

L-awtoritajiet tal-fruntieri tal-Finlandja fetħu investigazzjoni f'Diċembru 2010 wara l-wasla f'ajruport Finlandiż ta' żewġ nisa b'passaporti Indjani ffalsifikati, li kienu akkumpanjati minn raġel Indjan. Wara investigazzjoni preliminari, l-awtoritajiet skoprew OCG ferm attiv li kien jiffaċilita l-immigrazzjoni illegali mis-Sri Lanka lejn l-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet Finlandiżi ssuspettaw li l-OCG kien jiffaċilita d-dħul illegali ta' nies mis-Sri Lanka fi Franza, spiss bl-użu ta' rotta li tgħaddi mill-Emirati Għarab Magħquda, il-Kenja, it-Tanżanija, it-Turkija u l-Finlandja. Uħud mill-immigranti illegali użaw passaporti Ingliżi ffalsifikati prodotti fit-Tajlandja biex jivvjaġġaw lejn il-Kanada.

L-awtoritajiet Finlandiżi talbu l-assistenza tal-Eurojust biex iwaqqfu JIT ma' Franza. Minkejja d-differenzi bejn il-proċessi ta' approvazzjoni tal-JIT fiż-żewġ Stati Membri, f'Settembru 2011 twaqqaf JIT matul laqgħa ta' koordinazzjoni li saret fil-Eurojust. Il-qafas legali tal-JIT ippermetta sabiex dlonk isir skambju ta' informazzjoni għall-fini ġudizzjarji mingħajr il-bżonn ta' proċeduri rogatorji li jieħdu ż-żmien. Kemm l-ostaklu lingwistiku kif ukoll in-neċessità għat-traduzzjonijiet aktarx li kienu joħolqu xkiel. Il-Eurojust organizza tliet laqgħat ta' koordinazzjoni, li għenu sabiex tinbena l-fiduċja, tiġi skambjata informazzjoni u jingħeleb ix-xkiel lingwistiku.

Barra minn hekk, fi Frar 2012 twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fil-Eurojust biex jappoġġja l-eżekuzzjoni simultanja tal-operazzjoni fil-Finlandja, Franza u l-Belġju. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni kien f'komunikazzjoni diretta ma' ċentru operazzjonali tal-Europol, li twaqqaf f'Pariġi. Iż-żewġ ċentri ppermettew għall-iskambju f'ħin reali ta' informazzjoni u evidenza bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-pajjiżi kkonċernati, u analiżi immedjata tad-dejta miġbura. Matul jum ta' azzjoni komuni, saru 23 perkwiżizzjoni u ġew arrestati 27 persuna. Wara l-jum ta' azzjoni koordinata, il-Eurojust kompliet issegwi l-iżviluppi biex tara li jkun hemm l-aħjar eżitu fil-livell ġudizzjarju.

L-awtoritajiet Taljani investigaw assoċjazzjoni kriminali ta' bosta suspettati Taljani involuti f'evażjoni fiskali. Dawn is-suspettati, filwaqt li aġixxew f'isem bosta kumpaniji barranin, kienu ffirmaw att ta' trasferiment għat-trasferiment ta' ishma ta' kumpanija Taljana li topera fi Siena lil parti terza, kumpanija rreġistrata f'Bermuda, biex jevadu t-taxxi fl-Italja. L-iskema ta' evażjoni fiskali involviet kumpanija Amerikana u Portugiża, it-tnejn operaw bħala sussidjarji tal-kumpanija prinċipali tagħhom ibbażata f'Bermuda. Il-qligħ kapitali taż-żewġ kumpaniji ġie trasferit lill-kumpanija f'Bermuda.

L-awtoritajiet Taljani talbu l-assistenza tal-Eurojust biex tħaffef l-eżekuzzjoni tat-talbiet tal-MLA indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti u l-Portugall sabiex jiksbu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relevanti li juru l-għamla fittizja taż-żewġ sussidjarji. Grazzi għall-intervent veloċi tal-Eurojust, inkisbet tweġiba pronta mill-awtoritajiet Portugiżi għat-talba tal-MLA mill-Italja, u dan irriżulta fil-ħlas sħiħ tal-obbligazzjonijiet fiskali tal-kumpanija Taljana investigata fi ħdan il-limiti ta' żmien tal-investigazzjoni preliminari Taljana. Ir-reazzjoni immedjata tal-Eurojust u l-awtoritajiet Portugiżi ppermettew sabiex l-awtoritajiet Taljani jirkupraw EUR 67 miljun f'taxxi mhux imħallsin.

## Il-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal fil-Eurojust – Ir-reati kontra t-tfal

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet juri li l-iktar tipi ta' reati li jaffettwaw it-tfal kienu pornografija tat-tfal, abbuż sesswali fuq tfal, ħtif, THB u reati kontra l-ħajja.

Il-Eurojust kompliet tieħu rwol mexxej fil-koordinazzjoni ta' informazzjoni u l-konsulenza fuq azzjonijiet possibbli f'investigazzjonijiet transnazzjonali u prosekuzzjonijiet ta' reati serji kontra t-tfal riferiti lill-Eurojust għall-assistenza. L-attivitajiet involvew kuntatt spiss mad-Desks Nazzjonali għall-fini ta', *inter alia*, skambju ta' informazzjoni relevanti u t-tħeġġiġ tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiġu riferiti lill-Eurojust ħafna mill-każijiet transfruntiera li jinvolvu reati kontra t-tfal.

Il-Eurojust ittrattat 27 każ ta' reati kontra tfal, inklużi tliet każijiet irreġistrati min-Norveġja. Fi tmiem l-2012, il-Punt ta' Kuntatt ħa sehem fit-tnedija uffiċjali ta' żewġ għodod internazzjonali u tal-UE importanti maħluqin biex it-tfal ikunu protetti iktar minn reati serji: (1) il-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea Ġdida kontra l-Isfruttament Sesswali Online tat-Tfal, proġett li jindirizza prattiki ta' distribuzzjoni kummerċjali online qodma u ġodda ta' materjal ta' abbuż sesswali fuq tfal billi jiġu indirizzati ħlasijiet u sistemi tal-ICT użati għat-twettiq ta' operazzjonijiet illegali; u (2) l-Alleanza globali għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali fuq tfal online, li tfittex li tidentifika aħjar tal-vittmi tfal u li tassistihom u li tħarrek b'mod effettiv l-awturi. Il-Eurojust ħadet sehem fil-Konferenza Annwali tal-Europol tal-Esperti dwar l-Isfruttament Sesswali u l-11-il Konferenza Annwali tal-ICLN dwar il-Ġlieda kontra ċ-Ċiberkriminalità.

Id-Deċiżjoni tal-Eurojust tinkludi obbligu li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Eurojust dwar każijiet transfruntiera kumplessi li jinvolvu sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal. Mill-2004, il-Eurojust irreġistrat 187 każ li jikkonċernaw vittmi tfal, u n-Norveġja rreġistrat disa' każijiet oħrajn, u każ ieħor ġie rreġistrat mill-Istati Uniti.

Id-Desk Nazzjonali Taljan talab lill-11-il Stat Membru flimkien man-Norveġja, l-Istati Uniti u l-Interpol sabiex jappoġġjaw investigazzjoni Taljana fid-distribuzzjoni ta' materjal pornografiku li jinvolvi tfal taħt l-età. Suspettat Taljan kien qed jamministra netwerk soċjali, ospitat fuq servers li jinsabu fl-Istati Uniti, li serva ta' pjattaforma dinjija għat-tpartit ta' stampi u filmati ta' tfal taħt l-14-il sena.

F'Jannar u Frar 2012 il-Eurojust organizza żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni, u bis-saħħa tagħhom ġew koordinati azzjonijiet li ġew skedati minnufih. L-utenti ġew identifikati permezz tal-indirizzi tal-IP tagħhom fi 12-il Stat Membru u n-Norveġja, it-Turkija, l-Ukraina, l-Istati Uniti u fl-Asja.

Il-Eurojust intalbet tikkoordina l-perkwiżizzjonijiet li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri permezz ta' għodod ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, appoġġjati mill-Europol u l-Interpol, biex tiġi ppreservata l-evidenza u jitkisser in-netwerk.

Twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fil-Eurojust bl-involviment attiv ta' Franza, il-Portugall, il-Ġermanja, Spanja, l-Iżvezja u l-Italja.

Grazzi għal dawn l-isforzi, 112-il persuna ġew identifikati u mixlija għal assoċjazzjoni kriminali, 10 persuni ġew arrestati madwar id-dinja, sar numru kbir ta' perkwiżizzjonijiet ta' djar u ġiet sekwestrata evidenza. L-awtoritajiet tal-Istati Uniti għalqu n-netwerk soċjali u ssekwestraw il-kontenut tiegħu biex jiżguraw li jibqa' disponibbli bħala evidenza.

## 1.4 It-timijiet ta' investigazzjoni konġunta

Fl-2012, il-Eurojust kompliet tipprovdi appoġġ u assistenza lil dawk li jaħdmu fil-qasam fit-twaqqif u t-tħaddim tal-JITs. Fil-perjodu ta' rapportar, kien hemm 78 JIT attivi bi 62 JIT li jirċievu finanzjament mill-Eurojust. Il-Membri Nazzjonali ħadu sehem f'47 JIT maħluqin ġodda li wħud minnhom kienu marbutin ma' iktar minn tip wieħed ta' reati. Il-Membri Nazzjonali ħadu sehem jew fil-kapaċitajiet tagħhom bħala awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew f'isem il-Eurojust. Il-JITs indirizzaw l-iktar tipi serji ta' kriminalità, bħal traffikar ta' droga, ħasil tal-flus, THB u frodi. Barra minn hekk, il-Eurojust irċiviet 14-il notifika mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13(5) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust.

L-użu miżjud tal-JITs imħaffef mill-Eurojust jissuġġerixxi li dawk li jaħdmu fil-qasam qed isiru iktar midħla tal-istrument tal-JIT, jirrikonoxxu l-kompetenza tal-Eurojust f'dan il-qasam, u jifhmu l-importanza tal-Proġett ta' Finanzjament tal-JIT.

Ir-rwol speċifiku tal-Eurojust fit-twaqqif u t-tħaddim xieraq tal-JITs kompla jkun relatat l-iktar: (i) mal-forniment ta' appoġġ fl-abbozzar ta' ftehimiet tal-JIT u pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali, speċjalment fejn ikun hemm bżonn li t-tali klawżoli jiżdiedu mal-mudelli standard, (ii) mal-offerta ta' konsulenza lill-awtoritajiet nazzjonali dwar jekk din l-għodda hijiex xierqa f'każijiet konkreti, (iii) mal-identifikazzjoni ta' każijiet xierqa għall-JITs, (iv) mal-offerta ta' informazzjoni fuq sistemi proċedurali differenti, (v) mal-appoġġ tal-JITs permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni, u (vi) mal-forniment ta' koordinazzjoni matul attivitajiet operattivi f'jiem ta' azzjoni.

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet jindika li għad hemm diffikultajiet legali u prattiċi li jaffettwaw it-tħaddim xieraq tal-għodda tal-JIT. Ġew identifikati l-ostakli li ġejjin: (i) livelli jew veloċità differenti tal-investigazzjonijiet fl-Istati Membri involuti f'JIT, (ii) nuqqas ta' investigazzjoni parallela f'dawk l-Istati Membri li jeħtieġu investigazzjoni bħal din biex ikunu jistgħu jieħdu sehem f'JIT, u (iii) differenzi fis-sistemi legali, speċjalment fir-rigward tar-regoli għal segretezza tal-proċedimenti, l-aċċess għal dokumenti tal-fajls tal-każijiet (kwistjonijiet ta' divulgazzjoni), limiti ta' żmien għaż-żamma ta' dejta, u l-għoti ta' evidenza permezz ta' vidjowkonferenza jew fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' kontroll ġudizzjarju. Il-Eurojust reġgħet indirizzat problemi rikorrenti relatati mal-ammissibilità ta' evidenza u

d-divulgazzjoni ta' informazzjoni u rnexxielha tassisti lil dawk li jaħdmu fil-qasam biex jegħlbuhom.

Il-Eurojust kompliet tissensibilizza dwar il-JITs fost dawk li jaħdmu fil-qasam billi tisħaq fuq il-valur miżjud ta' din l-għodda, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'inqas esperjenza ta' JITs.

Il-Eurojust u dawk li jaħdmu fil-qasam fl-Istati Membri jappoġġjaw bis-saħħa evalwazzjoni sistematika tal-għodda tal-JIT biex jissaħħaħ u jitjieb l-użu u l-funzjoni tagħha. Fl-2012, ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet wera ċertu grad ta' involviment fl-evalwazzjoni tal-JITs fuq bażi ta' każ b'każ, kemm qabel estensjoni ta' JIT kif ukoll wara l-għeluq tiegħu.

L-evalwazzjoni tal-għodda tal-JIT ġiet diskussa matul it-8 Laqgħa Annwali tal-Esperti Nazzjonali dwar it-Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta, organizzata b'mod konġunt mill-Eurojust u l-Europol, fit-18 - 19 ta' Ottubru. L-esperti qablu fuq l-importanza ta' ġbir sistematiku u ċentralizzat ta' informazzjoni relatata mal-JIT, filwaqt li xeħtu dawl fuq il-bżonn li jiġi żviluppat mudell standard jew lista ta' verifika biex dawk li jaħdmu fil-qasam jiġu assistiti fl-evalwazzjonijiet tal-JITs.

L-involviment tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk ta' Esperti Nazzjonali dwar it-Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Netwerk tal-JITs), jew billi ġie pprovdut appoġġ jew inkella billi nġabru u ntbagħtu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet lill-punt ċentrali, possibilment is-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs, tqies essenzjali għall-proċess ta' evalwazzjoni. It-twaqqif ta' pjattaforma bbażata fuq il-web għar-riżultati tat-tali evalwazzjonijiet tkun għodda siewja biex dawk li jaħdmu fil-qasam jiġu pprovduti b'informazzjoni aġġornata u appoġġ. Minbarra evalwazzjonijiet nazzjonali, l-esperti rrikonoxxew il-bżonn tal-evalwazzjoni tal-użu tal-istrument tal-JITs fil-livell tal-UE.

Fil-Eurojust ġie ffirmat ftehim tal-JIT biex jitħaffu l-investigazzjonijiet fir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi fir-reati ta' faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u kutrabandu ta' nies li jseħħu permezz ta', fost l-oħrajn, ftehimiet ta' żwiġijiet ta' konvenjenza, frodi ta' dokumenti u reati relatati ma' drogi mwettqa minn OCGs jew individwi.

L-OCG li jopera fil-Pajjiżi l-Baxxi kien involut fir-reklutaġġ ta' nisa mill-Antilli Olandiżi biex jiżżewġu ċittadini min-Niġerja fir-Renju Unit biex b'hekk jiġi leġittimizzat l-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom.

Saru tliet laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust biex tiġi skambjata informazzjoni fuq l-istatus attwali tal-investigazzjonijiet fir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi, bil-għan li jiġu diskussi alternattivi tattiċi rigward il-fażi tal-arrest fil-Pajjiżi l-Baxxi, biex jiġu esplorati l-possibilitajiet għal laqgħa strateġika fuq żwiġijiet ta' konvenjenza, u għal sensibilizzazzjoni dwar dan it-tip ta' reat.

Wara sentejn ta' attività tal-JIT, iż-żewġ Stati Membri rrapportaw sħubija b'suċċessi kbar. Fir-Renju Unit, il-pjan ta' azzjoni rriżulta f'68 arrest, 56 kundanna u sentenzi ta' priġunerija li b'kollox ammontaw għal iktar minn 72 sena. Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-persuna ssuspettata ewlenija ġiet arrestata u konsenjata lir-Renju Unit.

L-involviment tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-Netwerk tal-JITs, jew billi pprovdew appoġġ jew billi ġabru u bagħtu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet lil punt ċentrali, possibilment is-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs, tqies essenzjali għall-proċess ta' evalwazzjoni. It-twaqqif ta' pjattaforma bbażata fuq il-web għar-riżultati tat-tali evalwazzjonijiet ikun għodda siewja biex dawk li jaħdmu fil-qasam jiġu forniti b'informazzjoni aġġornata u appoġġ.

## L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust għall-operazzjonijiet tal-JIT

Kif ġie kkonfermat għal darba tnejn minn dawk li jaħdmu fil-qasam fl-Istati Membri, l-appoġġ finanzjarju u loġistiku għall-JITs jipprovdi valur miżjud kruċjali għat-twaqqif u t-tħaddim tal-JITs fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-Eurojust hija rikonoxxuta sew bħala l-attur ewlieni fl-appoġġ finanzjarju lill-JITs.

Il-Eurojust kompliet bil-Proġett tagħha ta' Finanzjament tal-JITs, intitolat *Appoġġ għall-Użu Usa' tal-JITs*, fl-2012. Il-proġett, ibbażat fuq għotja riċevuta mill-Kummissjoni Ewropea skont il-programm *Prevenzjoni tal-Kriminalità u Ġlieda Kontriha 2007 - 2013*, tnieda f'Ottubru 2010. Il-proġett, li jippermetti lill-Eurojust tappoġġja b'mod finanzarju

Wara l-evidenza miksuba minn vittma Bulgara ta' traffikar tal-bnedmin, li kienet ittieħdet fir-Renju Unit mill-Greċja wara li ġiet mhedda u kienet imġiegħla taħdem bħala prostituta fir-Renju Unit għal madwar xahar, ir-Renju Unit nieda investigazzjoni. Instab li kien hemm iktar vittmi li ġew traffikati mill-istess suspettati, u l-awtoritajiet tar-Renju Unit waqqfu ftehim tal-JIT mal-Bulgarija. Il-JIT irċieva appoġġ finanzjarju permezz tal-proġett ta' finanzjament tal-JITs tal-Eurojust. Il-JIT issottometta 3 applikazzjonijiet ta' finanzjament li fuq il-bażi tagħhom ingħataw EUR 98 330, żewġ laptops, printer u skener.

Ġew organizzati żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust qabel ma l-partijiet iffirmaw il-ftehim tal-JIT. Il-kwistjonijiet ġurisdizzjonali kienu l-iktar ta' tħassib, peress li r-reati, is-suspettati u l-vittmi kienu jinsabu fir-Renju Unit u l-Bulgarija. Id-differenzi fil-proċedura kriminali, bħar-rekwiżit ta' korroborazzjoni, ikkostitwixxew sfidi evidenzjali, li ġew issodisfati mill-JIT. L-interess reċiproku fil-JIT u l-benefiċċju tiegħu, kienu prevalenti u wasslu għall-isforzi kombinati li ħallew il-frott kemm għall-awtoritajiet tar-Renju Unit kif ukoll dawk tal-Bulgarija.

Il-ħidma tal-JIT, u l-kooperazzjoni simplifikata permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust, irriżultat fl-identifikazzjoni ta' bosta suspettati u vittmi addizzjonali ta' dan l-OCG. Is-suspettat ewlieni ġie pproċessat u rċieva sentenza ta' sitt snin.

l-attivitajiet operattivi tal-JITs, ser jintemm fit-30 ta' Settembru 2013. Il-Eurojust hija impenjata b'mod attiv fis-sejbien ta' soluzzjonijiet alternattivi ta' finanzjament li jippermettu lill-Eurojust tkompli bl-appoġġ finanzjarju tagħha lill-JITs.

B'kollox il-Eurojust appoġġjat 62 JIT differenti li involvew 22 Stat Membru fl-2012. L-iktar oqsma ta' reati spissi fil-mira tal-JITs appoġġjati kienu t-traffikar ta' droga u THB. L-iktar Stati Membri attivi fil-finanzjament tal-JITs kienu r-Renju Unit, Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Estonja. Fuq il-bażi tal-143 applikazzjoni għall-finanzjament riċevuti fl-2012 (id-doppju tan-numru ta' applikazzjonijiet riċevuti fl-2011), il-Eurojust assista fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni relatati mal-attivitajiet tal-JITs. Barra minn hekk, numru ta' telefowns ċellulari, laptops, mobile printers u skeners ingħataw b'self lill-membri tal-JIT biex titħaffef il-komunikazzjoni tagħhom. In-numru ogħla ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament riċevuti jikkonferma l-importanza tad-disponibilità ta' finanzjament.

Jistgħu jinstabu iktar dettalji dwar il-Proġett ta' Finanzjament tal-JITs fuq il-websajt tal-Eurojust.

## 1.5 Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet li involva Stati terzi

Fl-2012, il-Eurojust talbet l-assistenza ta' Stati terzi 242 darba, żieda fuq is-snin ta' qabel. L-iktar Stati terzi li sarulhom talbiet kienu l-Iżvizzera, in-Norveġja, l-Istati Uniti, il-Kroazja, is-Serbja, l-Albanija, il-Brażil u l-Ukraina. It-tipi ta' reati ewlenin f'dawn il-każijiet kienu traffikar ta' droga, frodi u ħasil tal-flus. L-assistenza tal-Eurojust intalbet ukoll f'każijiet ta' ċiberkriminalità, korruzzjoni, serq organizzat, kutrabandu ta' immigranti illegali u kummerċ illegali.

L-Istati Terzi kienu rappreżentati f'49 okkażjoni fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, żieda fuq l-2011, bl-iktar Stat terz involut spiss li kien in-Norveġja (10), segwit mill-Iżvizzera (9), it-Turkija (6), l-Istati Uniti (5), l-Albanija (5), dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (3), il-Kroazja (2) u s-Serbja (2).

L-iktar talbiet spissi li saru mill-Eurojust lil Stati terzi kienu sabiex tiġi mgħaġġla jew titħaffef l-eżekuzzjoni ta' estradizzjoni u talbiet tal-MLA (eż. eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u konfiska, smigħ b'vidjowkonferenza, interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, trasferiment ta' proċedimenti

kriminali, talbiet ta' kondotti), sabiex jiġu ċċarati rekwiżiti legali u leġiżlazzjoni relevanti jew sabiex jiġu identifikati d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti.

Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet juri li l-kooperazzjoni ma' Stati terzi u l-assistenza pprovduta mill-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fi Stati terzi hija utli u rnexxiet. Madankollu, hemm diffikultajiet u dewmien li ġejjin minn: (i) nuqqas ta' kuntatti diretti f'xi Stati terzi, (ii) użu ta' kanali diplomatiċi, minflok awtoritajiet ċentrali, biex jintbagħtu talbiet, u (iii) differenzi importanti fis-sistemi legali. Dawn id-diffikultajiet ġew identifikati l-iktar ma' Stati terzi li magħhom l-Istati Membri kkonċernati ma kkonkludewx ftehimiet bilaterali jew multilaterali, jew li magħhom il-Eurojust ma kkonkludietx ftehim ta' kooperazzjoni.

Il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Eurojust u IberRed iffaċilita l-kooperazjzoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi tal-Amerika Latina billi tejjeb il-kanali ta' komunikazzjoni. Id-Desks Spanjoli u Portugiżi tal-Eurojust kelhom rwol attiv bħala kanali għax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet li involvew pajjiżi tal-Amerika Latina. Fost l-iktar tipi spissi ta' assistenza mfittxija hemm talbiet għal informazzjoni fuq rekwiżiti legali u leġiżlazzjoni, stat tal-eżekuzzjoni ta' LoRs u talbiet ta' estradizzjoni, u identifikazzjoni tal-awtoritajiet u l-punti ta' kuntatt relevanti.

Fl-2009, l-Istati Uniti nedew investigazzjoni f'netwerk kriminali internazzjonali ferm sofistikat u organizzat sew involut fl-abbuż sesswali fuq tfal permezz tal-ħolqien u t-tqassim ta' stampi u filmati grafiċi ta' abbuż sesswali fuq tfal madwar id-dinja. Bord bulettin online privat kien ospitat fl-Istati Uniti, u ppermetta lill-membri sabiex jaqsmu stampi u filmati espliċiti li fihom huma stess u adulti oħrajn immolestaw sesswalment tfal, spiss ta' taħt it-12-il sena, u spiss b'mod ferm vjolenti. L-awturi użaw bosta miżuri biex jevitaw milli jinqabdu, inklużi psewdonomi, servers bi proxy, kodifikazzjoni u passwords. Il-pajjiżi involuti inkludew il-Belġju, il-Kanada, id-Danimarka, l-Ekwador, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerjia, il-Kenja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Filippini, il-Qatar, is-Serbja, l-Iżvezja u l-Iżvizzera.

Fl-2010, l-Istati Uniti espandew l-investigazzjoni tagħhom billi fetħu fajl fi ħdan il-Eurojust biex iħaffu l-koordinazzjoni bejn l-investigazzjonijiet tal-Amerika u dawk tal-Istati Membri. L-investigazzjonijiet kixfu rabtiet ma' 45 pajjiż differenti, u komplew jipproduċu riżultati matul il-ħarifa tal-2012.

## Il-Prosekuturi ta' Kollegament minn Stati terzi sekondati lill-Eurojust

Il-preżenza fil-Eurojust tal-Prosekuturi ta' Kollegament mill-Kroazja, in-Norveġja u l-Istati Uniti ħaffet il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fl-2012, il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Kroazja rreġistra ħames każijiet relatati ma' korruzzjoni u ħa sehem f'żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni. Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistra 41 każ li ttrattaw traffikar ta' droga, frodi, qtil, serq organizzat, THB, terroriżmu, u anki tliet każijiet li involvew abbuż fuq tfal. In-Norveġja organizzat laqgħa ta' koordinazzjoni f'każ ta' traffikar ta' droga, ħadet sehem f'10 laqgħat ta' koordinazzjoni u f'JIT. Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti ħa sehem f'ħames laqgħat ta' koordinazzjoni.

Il-kwistjonijiet ewlenin u d-diffikultajiet prattiċi fil-kooperazzjoni ġudizzjarja identifikati mill-Prosekuturi ta' Kollegament kienu, *inter alia*, dewmien jew nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' talbiet, problemi bis-smigħ ta' xhieda b'vidjowkonferenza, estradizzjoni ta' ċittadini, standards differenti meħtieġa biex tiġi aċċessata jew tinkiseb dejta, informazzjoni u evidenza, kwistjonijiet ġurisdizzjonali u mistoqsijiet dwar kif bosta Stati involuti f'investigazzjonijiet marbutin għandhom jipproċedu bil-prosekuzzjonijiet.

L-aħjar prattiki jinkludu relazzjonijiet tax-xogħol mill-qrib żviluppati bejn u fost id-Desks Nazzjonali kif ukoll mal-Prosekuturi ta' Kollegament. F'każ minnhom li involva n-Norveġja u l-Istati Uniti, il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti rnexxielu jikkuntattja minnufih lill-uffiċjali tal-FBI fl-Ewropa u l-Istati Uniti biex jitlob assistenza biex jinstab xhud, u laħaq ftehimiet għax-xhieda fi żmien 48 siegħa. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust tqiesu ferm effettivi fil-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet ta' importanza kbira. Fost l-aħjar prattiki l-oħrajn kien hemm kuntatt bikri, kull meta kien possibbli, biex jiġi diskuss x'inhu l-iktar mod effettiv kif tista' tinkiseb informazzjoni u biex jitħaffef it-trasferiment rapidu tal-evidenza.

# 1.6 Il-Eurojust u n-netwerks ta' dawk li jaħdmu fil-qasam

## In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

Il-Eurojust ħadet sehem fit-38 laqgħa plenarja tan-NĠE f'Kopenħagen, li ttrattat kwistjonijiet rigward JITs u kooperazzjoni man-Netwerk tal-JITs u n-netwerk Ewropew ta' punti ta' kuntatt fir-rigward ta' persuni responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (Netwerk tal-Ġenoċidji). Il-Eurojust ħadet sehem ukoll fid-39 laqgħa plenarja tan-NĠE f'Nikosija, fejn ġew diskussi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-EAW u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Bħal fis-snin ta' qabel, il-Eurojust ħadmet fuq ir-relazzjonijiet tagħha man-NĠE.

Barra minn hekk, it-Task Force Konġunta Eurojust-EJN (it-Task Force) intalbet mill-Presidenza Daniża biex tindirizza iktar il-kwistjoni ta' komplimentarjetà bejn in-NĠE u l-Eurojust. In-NĠE u t-Tim ta' Maġistrati ta' Kollegament taw is-sehem tagħhom għat-tħejjija tal-laqgħa tat-Task Force f'Kopenħagen u l-abbozzar ta' dokument konġunt biex jgħarrfu lil dawk li jaħdmu fil-qasam ġudizzjarju fl-Istati Membri dwar il-ħidma mwettqa min-NĠE u l-Eurojust u biex jispjegaw is-servizzi pprovduti minn dawn l-organizzazzjonijiet. Ġew diskussi l-pjanijiet għat-Task Force sabiex fil-ġejjieni tikkontribwixxi għat-twaqqif tal-ENCS u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 13 u 13a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust.

Il-Eurojust laqgħet ukoll it-33 laqgħa regolari tal-punti ta' kuntatt tan-NĠE, il-11-il laqgħa tal-Korrispondenti tal-Għodod, u r-4 laqgħa tal-Korrispondenti Nazzjonali.

## In-Netwerk tal-JITs

Il-Eurojust u n-Netwerk tal-JITs ilhom jikkooperaw mill-2005 biex jissensibilizzaw, jippromwovu l-użu u l-iżvilupp ta' għodod ta' appoġġ biex jintużaw JITs fl-Istati Membri.

Billi stabbilixxiet is-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs fl-2011, il-Eurojust ipprovdiet lil dawk li jaħdmu fil-JITs bi pjattaforma utli ta' koordinazzjoni. Fl-2012, is-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs ipprovda lil dawk li jaħdmu fil-qasam fl-Istati Membri, u lill-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji relevanti tal-UE, b'iktar minn 3 500 kopja tal-edizzjoni stampata tal-*Eurojust-Europol JIT Manual* (*Manwal tal-JITs tal-Eurojust-Europol*).

Fit-18-19 ta' Ottubru 2012 iktar minn 100 persuna li jaħdmu fil-qasam tal-JITs inġabru fit-8 Laqgħa tal-Esperti Nazzjonali dwar it-Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta. It-taħditiet iffokaw fuq l-evalwazzjoni tal-JITs. Iktar informazzjoni dwar il-ħidma tal-Eurojust fil-qasam tal-JITs tista' tinkiseb mit-taqsima 1.4.

## In-Netwerk tal-Ġenoċidji

Mill-2004, il-Eurojust u n-Netwerk tal-Ġenoċidji kkooperaw b'mod effiċjenti fil-ġlieda kontra l-impunità għal reati internazzjonali kbar. Mit-twaqqif tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji fil-Eurojust fl-2011, l-attivitajiet tan-Netwerk tal-Ġenoċidji żdiedu b'mod notevoli. Billi torganizza l-laqgħat tan-Netwerk tal-Ġenoċidji u s-Segretarjat tiegħu, il-Eurojust tipprovdi forum fejn dawk li jaħdmu fil-qasam jiltaqgħu, jiddiskutu, jiskambjaw informazzjoni, l-aħjar prattiki u esperjenzi, u jikkooperaw u jassistu lil xulxin fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' persuni responsabbli għal ġenoċidji, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra.

Il-Eurojust ospita t-12 u t-13-il laqgħa tan-Netwerk tal-Ġenoċidji fil-bini tiegħu. Iż-żewġ laqgħat ġabu flimkien nies li jaħdmu fil-qasam mill-Istati Membri u l-kontropartijiet tagħhom mill-Kanada, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Qorti Kriminali Internazzjonai (ICC) u tribunali kriminali internazzjonali *ad hoc*, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA), l-Interpol u rappreżentanti mis-soċjetà ċivili.

Fit-12-il laqgħa, il-parteċipanti ddiskutew il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-immigrazzjoni u s-servizzi ta' infurzar/prosekuzzjoni tal-liġi fl-identifikazzjoni ta' awturi allegati li daħlu jew li diġà jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Il-parteċipanti ddiskutew ukoll ir-rekwiżiti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-każijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati.

It-13-il laqgħa kompliet tistħarreġ dan is-suġġett, bil-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-

qasam tal-Asil u NGOs li jassistu fl-identifikazzjoni ta' xhieda, vittmi u awturi ta' reati internazzjonali kbar. L-esperti ddiskutew ukoll: (i) il-ġbir ta' informazzjoni dwar reati fil-kunflitt li għaddej is-Sirja; (ii) l-eżitu tas-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) fuq kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni (*il-Belġju v. is-Senegal*), u l-konsegwenzi tagħha fir-rigward tal-konvenzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet kriminali; (iii) l-inizjattiva fuq qafas legali internazzjonali ġdid għall-kooperazzjoni fir-rigward ta' ġenoċidji, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra; u (iv) possibilitajiet sabiex jitwaqqfu JITs għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali kbar. Il-kompetenza tal-Eurojust kienet essenzjali.

Il-Eurojust u n-Netwerk tal-Ġenoċidji komplew jikkooperaw b'mod attiv fit-twaqqif ta' għodod għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tan-Netwerk tal-Ġenoċidji.



# Ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba

## 2.1 Ir-relazzjonijiet istituzzjonali



### Il-Parlament Ewropew

Billi segwiet l-prattika stabbilita, il-President tal-Eurojust ippreżentat ir-Rapport Annwali tal-2011 lill-Kumitat LIBE f'Ġunju. Sar skambju tal-fehmiet dwar il-ġejjieni tal-Eurojust. Il-Kumitat LIBE ħabbar pjanijiet biex iżur il-Eurojust. F'Ġunju, il-Eurojust ippreżenta wkoll is-sejbiet tiegħu dwar it-*Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-rwol tal-Eurojust* lill-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus (Kumitat CRIM).

Il-Eurojust ipprovdiet il-fehma tagħha dwar il-proposta għal abbozz ta' Direttiva tal-UE dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea. Il-kontribuzzjoni inkludiet ħarsa ġenerali lejn l-aħjar prattiki żviluppati f'uħud mill-Istati Membri, flimkien ma' informazzjoni dwar is-sistemi eżistenti ta' wħud mill-Istati Membri, li jirrikonoxxu l-possibilità ta' applikazzjoni ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna.

### Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Il-Eurojust ġiet mistiedna tieħu sehem f'bosta Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill li jittrattaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. B'mod partikolari, il-Eurojust tat il-kontribut tagħha għall-isforzi tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL), il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (COPEN), u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja u r-Relazzjonijiet Interni-Esterni (JAIEX). Barra minn hekk, il-Eurojust attendiet il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) u l-laqgħat tal-CATS kull meta ntalbet il-preżenza tagħha.

Il-Eurojust kompliet tieħu sehem fil-laqgħat u l-attivitajiet tal-COSI u toffri l-kontribuzzjonijiet tagħha, minn perspettiva ġudizzjarja, għall-kooperazzjoni operazzjonali fi kwistjonijiet kriminali. B'mod partikolari, il-Eurojust ipprovdiet kontribut għat-tieni rapport ta' implimentazzjoni dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE u għall-*Kunsiderazzjonijiet dwar il-finanzjament effettiv taċ-ċiklu ta' politiki tal-UE* tal-Kunsill fir-rigward tal-finanzjament tal-JITs mill-Eurojust. Il-Eurojust ikkontribwixxiet għall-implimentazzjoni taċ-ċiklu ta' politiki u ħadet sehem fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali kollha relatati mal-prijoritajiet kriminali tal-UE.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Proġett Strateġiku tal-Eurojust dwar it-*Tisħiħ tal-ħidma tal-Eurojust f'każijiet ta' traffikar ta' droga – riżultati finali* (11483/12); is-seminar strateġiku organizzat b'mod konġunt mal-Presidenza Daniża fuq *Approċċ Multidixxiplinari għall-Kriminalità Organizzata: Miżuri Amministrattivi, Segwitu Ġudizzjarju u r-Rwol tal-Eurojust – Kopenħagen, 11 - 13 ta' Marzu 2012 – Rapport tal-Eżiti* (11298/12), u l-Proġett Strateġiku dwar l-*Azzjoni tal-Eurojust kontra t-traffikar tal-bnedmin – rapport finali u pjan ta' azzjoni* (16947/12), ġew ippreżentati lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill.

### Il-Kummissjoni Ewropea

Wara n-negozjati konklużi fl-2011, il-Eurojust u l-Kummissjoni Ewropea ffirmaw Memorandum ta' Qbil fl-20 ta' Lulju 2012, li fih ifformalizzaw l-iskambju ta' informazzjoni u fittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku. Il-laqgħat bejn il-Presidenza tal-Eurojust u d-Direttur Amministrattiv mal-kontropartijiet fil-Kummissjoni Ewropea seħħew matul l-2012, ħaffew il-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet strateġiċi u baġitarji.

Il-Eurojust wieġbet għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea, *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tisħiħ tal-prosekuzzjonijiet*. Inxteħet dawl fuq il-kwistjonijiet prattiċi u legali relatati mat-twaqqif ta' EPPO speċjalizzat, b'mod partikolari l-importanza ta' relazzjoni mill-qrib bejn l-EPPO u l-Eurojust.

Fis-26 ta' Ġunju, fuq stedina tal-Viċi President Viviane Reding, il-Kummissarju għall-Ġustizzja, id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza, il-Eurojust ħadet sehem f'laqgħa, flimkien mal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati

Membri, li ttrattat il-prosekuzzjoni ta' frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-UE.

F'Ottubru 2012, il-Eurojust laqa' l-istedina sabiex tattendi u tikkontribwixxi għal-laqgħa konsultattiva tal-Kummissjoni Ewropea u l-esperti tal-Istati Membri dwar ir-riforma tal-governanza tal-Eurojust, il-kontroll parlamentari u setgħat addizzjonali possibbli, bħat-tnedija ta' investigazzjonijiet u l-ħruġ ta' deċiżjonijiet vinkolanti biex jiġu solvuti kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

# 2.2 Ir-relazzjonijiet ma' netwerks ta' dawk li jaħdmu fil-qasam

## In-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju

Il-Eurojust kompliet bil-parteċipazzjoni attiva tagħha fil-Programm ta' Skambju tan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (ETJN) u b'appoġġ tiegħu. Tul is-sena, disa' prosekuturi/imħallfin minn Stati Membri differenti qattgħu tliet xhur fil-Eurojust, fejn ħadu sehem fix-xogħol ta' kuljum fid-Desk Nazzjonali tal-Pajjiż ta' oriġini tagħhom (l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Portugall u r-Repubblika Slovakka). Il-Programm ta' Skambju jesponi lill-parteċipanti għall-ħidma tal-organizzazzjoni sħiħa, biex b'hekk jipprovdilhom fehim aħjar tal-użu u l-effiċjenza tal-għodod ġudizzjarji għad-dispożizzjoni tad-Desks Nazzjonali.

Il-Eurojust u l-EJTN taw segwitu wkoll għall-programm maħluq ġdid tal-apprentisti tal-EJTN għal perjodu qasir (ġimgħa). Tliet Desks Nazzjonali (l-Ungerija, il-Portugall u Spanja) laqgħu apprentisti għal perjodu qasir f'Diċembru. Il-programm ta' skambju għal perjodu qasir jagħti lill-prosekuturi/imħallfin sabiex matul perjodu limitat ikollhom l-opportunità li jifhmu l-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol tad-Desks Nazzjonali u jingħataw ħarsa ġenerali wiesgħa lejn il-ħidma li ssir fil-Eurojust.

Il-Eurojust appoġġja b'mod attiv kors ta' taħriġ, *Kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali fil-prattika*, li pprovda simulazzjonijiet ta' każijiet ta' EAW u MLA. Il-korsijiet ta' taħriġ saru f'bosta bliet Ewropej (Bukarest, Madrid, Lisbona, Krakovja, Ruma, Tartu u Żagreb).

## Il-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE

Matul l-2012, il-Eurojust kompla jipprovdi appoġġ legali u loġistiku estensiv għall-ħidma tal-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE (Il-Forum Konsultattiv).

F'Ġunju, taħt il-Presidenza Daniża, il-Eurojust ħaffet it-tweġiba tal-Forum Konsultattiv għall-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni Ewropea, *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tisħiħ tal-prosekuzzjonijiet*, b'kontribuzzjoni komuni li tittratta l-armonizzazzjoni tal-liġi kriminali u t-twaqqif tal-EPPO, imħejjija fuq il-bażi tat-tweġibiet ipprovduti minn bosta membri tal-Forum Konsultattiv.

F'Diċembru ġiet organizzata laqgħa tal-Forum Konsultattiv, organizzata mill-Presidenza Ċiprijotta. Il-parteċipanti ddiskutew l-isfidi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, il-valur miżjud miġbud mill-abbozz riċenti tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, u r-rwoli rispettivi tal-Unjoni Ewropea, il-Eurojust, u l-Istati Membri. Ġew diskussi wkoll id-definizzjonijiet tar-reati PIF, it-tħassib ġurisdizzjonali, l-armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet, il-limiti ta' żmien, u l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet kollha għat-twaqqif fil-ġejjieni tal-EPPO. Ġew diskussi wkoll kwistjonijiet marbutin

mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-iffriżar u l-konfiska, b'enfasi partikolari fuq ix-xkiel għall-irkupru tal-assi, l-esperjenzi ta' dawn li jaħdmu fil-qasam, l-aħjar prattiki u l-ħtiġijiet, l-użu prattiku tal-istrumenti eżistenti tal-UE, u l-impatt possibbli tal-abbozz tad-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea. Il-parteċipanti ddiskutew il-perspettivi fil-ġejjieni għall-Forum Konsultattiv. F'dan il-kuntest, il-membri tal-Forum Konsultattiv talbu lill-Eurojust sabiex jibqa' jappoġġja l-attivitajiet tiegħu. L-eżitu ta' din il-laqgħa ntbagħat lill-istituzzjonijiet relevanti tal-UE sabiex jiġu mgħarrfa l-opinjonijiet tal-Forum Konsultattiv fuq is-suġġetti kollha diskussi u sabiex jiġu notifikati sforzi leġiżlattivi u politiċi fil-livell tal-UE fil-glieda kontra l-kriminalità serja.

# 2.3 L-aġenziji u l-korpi tal-UE

## Il-Europol

Il-kooperazzjoni operazzjonali bejn il-Eurojust u l-Europol issaħħet bil-komplimentarjetà tal-mandati tagħhom u baqgħet tkun ta' importanza kruċjali għall-attivitajiet tal-Eurojust tul is-sena kollha.

It-TFUE jirreferi għar-rwol ta' koordiazzjoni tal-Eurojust li huwa bbażat fuq "informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Europol". Iż-żewġ organizzazzjonijiet ippruvaw itejbu l-iskambju ta' informazzjoni biex il-Eurojust tkun tista' twettaq il-mandat tagħha bis-sħiħ.

Il-kooperazzjoni fix-xogħol fuq il-każijiet bejn il-Eurojustul-Europolibbenefikatmill-parteċipazzjoni tal-Europol fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust li kkonċernaw 85 każ. L-iżvilupp ta' komunikazzjoni diretta u kooperazzjoni bejn id-Desks Nazzjonali u l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Europol baqa' għaddej, b'ħafna Desks Nazzjonali li kellhom kuntatti u laqgħat regolari.

L-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali permezz tal-linja ta' komunikazzjoni sigura bejn il-Eurojust u l-Europol baqa' stabbli, b'943 messaġġ skambjat.

Titjib addizzjonali fl-iskambju ta' informazzjoni sar mid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' April ta' Memorandum ta' Qbil aġġornat dwar it-twaqqif ta' linja ta' komunikazzjoni sigura li toħloq il-prerekwiżit legali għall-użu ta' SIENA għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Eurojust. L-implimentazzjoni teknika u t-taħriġ fi SIENA għad-Desks Nazzjonali u l-Unità ta' Analiżi tal-Każijiet kienet kważi lesta sa tmiem is-sena. L-użu ta' SIENA għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Europol ser jiġi vvalutat b'mod regolari biex jiġi żgurat l-użu sħiħ tagħha.

Il-Eurojust baqa' assoċjat ma' 17-il Punt Fokali tal-Europol (li qabel kienu Fajls ta' Hidma ta' Analiżi) u beda jaħdem fuq studju tal-fattibilità. Għadhom għaddejjin taħditiet biex titħaffef l-assoċjazzjoni ulterjuri tal-Eurojust mal-Punti Fokali bħal dawk relatati mat-terroriżmu Islamista u l-estremiżmu domestiku.

Intwera li l-programm ta' skambju għall-persunal taż-żewġ organizzazzjonijiet, imniedi fl-2011, kien ta' suċċess, u n-numru ta' żjariet reċiproċi u parteċipanti żdied. B'kollox, intlaqgħu b'mod reċiproku 44 titolari ta' karigi fil-Eurojust u l-Europol. Il-parteċipanti tal-Europol li żaru l-Eurojust attendew laqgħat qosra mfasslin għall-isfondi professjonali u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Il-kooperazzjoni operazzjonali fil-JITs tjiebet bl-iżviluppat ta' mekkaniżmu biex jgħarrfu lil xulxin dwar il-parteċipazzjoni f'JITs.

Fit-12 ta' April u l-24 ta' Novembru, saru l-laqgħat informali bejn il-Presidenza tal-Eurojust, id-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust u d-Direttorat tal-Europol, inizjattiva milqugħa tajjeb li ser tibqa' ssir fil-ġejjieni. Bħal fis-snin ta' qabel, il-Eurojust attendiet il-laqgħat tal-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (HENUs).

## L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa msieħeb privileġġjat fil-glieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Il-Eurojust fetħet ħames każijiet bl-involviment tal-OLAF u każ ieħor, li diġà kien infetaħ fil-Eurojust fl-2010, ġie estiż għall-

OLAF fl-2012. L-OLAF attenda wkoll ħames laqgħat ta' koordinazzjoni.

Tul is-sena, it-timijiet ta' kollegament tal-Eurojust u l-OLAF iltaqgħu b'mod regolari biex isaħħu l-kooperazzjoni operazzjonali f'każijiet kurrenti u biex jelaboraw fuq kwistjonijiet ta' interess komuni. Matul il-laqgħat komuni nbdiet taħdita dwar il-possibilità li jitwaqqaf programm ta' skambju għall-Eurojust u l-OLAF.

Il-Eurojust ħadet sehem fl-10 Konferenza tal-OLAF dwar il-Prosekuturi ta' Frodi li saret f'Novembru, kif ukoll fil-konferenza ta' Ġunju, *Pjan ta' azzjoni għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew? Regoli mudell tal-UE dwar il-proċedura kriminali*, organizzata mill-Università tal-Lussemburgu bl-appoġġ tal-OLAF. Il-Eurojust u l-OLAF saħħew l-isforzi tagħhom tul is-sena biex isaħħu l-kooperazzjoni fix-xogħol fuq il-każijiet, u esprimew l-impenn tagħhom li jniedu kooperazzjoni kull meta jkun hemm bżonn ta' koordinazzjoni, indipendentement mill-għamla bilaterali jew multilaterali tal-każ. Il-lista komuni tal-każijiet hija ssorveljata u aġġornata b'mod regolari u ntlaħaq ftehim fuq evalwazzjoni komuni tal-każijiet magħluqin li kienu involuti fihom kemm l-OLAF kif ukoll il-Eurojust.

Fil-prinċipju ntlaħaq ftehim anki fuq approċċ ta' "missjoni komuni" tar-rappreżentanti tal-Eurojust u l-OLAF fir-rigward ta' każijiet li fihom investigazzjoni amministrattiva tkun teħtieġ segwitu ġudizzjarju.

Finalment, ir-regolament il-ġdid tal-OLAF huwa mistenni jikkontribwixxi ħafna għall-kooperazzjoni operazzjonali tal-ġejjieni bejn il-Eurojust u l-OLAF, peress li jipprovdi referenza speċifika għat-trasmissjoni tal-informazzjoni relevanti lill-Eurojust.

### Il-Frontex

Il-Eurojust u l-Frontex baqgħu għaddejjin bin-negozjati fuq strument biex iħeġġeġ u jippromwovi kooperazzjoni bejn l-aġenziji u jappoġġja l-isforzi komuni tagħhom fil-qlieda kontra l-kriminalità transkonfinali.

Il-Frontex kienet is-suċċessur tal-Eurojust bħala President tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI. Il-Eurojust ħadet sehem fl-attivitajiet tal-Aġenziji tal-ĠAI b'enfasi fuq kooperazzjoni multilaterali u attendiet il-laqgħa annwali tal-Kapijiet tal-ĠAI fit-3 ta' Diċembru fil-Frontex.

### Is-CEPOL

Il-Eurojust kompliet tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), b'kontribut għall-modulu ta' tagħlim online tas-CEPOL fuq THB, parteċipazzjoni fil-webinar tas-CEPOL għall-aġenziji tal-UE ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja, u taħriġ fil-finanzjament tal-JITs. Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-ġejjieni, saret laqgħa bejn is-CEPOL u l-Eurojust fuq l-iżvilupp ta' *Kurrikulu Komuni tal-Eurojust*, bi grupp ta' ħidma intern fuq dan is-suġġett li twaqqaf fil-Eurojust.

## 2.4 Ir-relazzjonijiet ma' Stati terzi u ma' organizzazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea

F'Diċembru, il-Eurojust ippreżenta l-abbozz tal-ftehim fuq il-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein għall-Kunsill tal-UE għall-approvazzjoni u għarraf lill-Kunsill dwar il-pjanijiet tiegħu biex iniedi negozjati formali għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa u l-Ukraina reġgħu ġew ikkonfermati bħala prijoritajiet. Saru kuntatti biex tiġi mistħarrġa l-possibilità li jinbdew negozjati fuq ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Albanija, il-Bożnja Herzegovina, il-Kap Verde, l-Iżrael, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija. Il-pajjiżi tal-Amerika Latina, b'mod partikolari l-Brażil, il-Kolombja u l-Messiku żdiedu mal-lista ta' prijorità għan-negozjar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Il-Eurojust żiedet ukoll it-Tuneżija

man-netwerk tagħha ta' punti ta' kuntatt fi Stati terzi. Barra minn hekk, il-Eurojust u l-Interpol bdew b'negozjati biex jikkonkludu Memorandum ta' Qbil.

Sar seminar strateġiku, *Kooperazzjoni Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ġirien fin-Nofsinhar tal-UE* (l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana u t-Tuneżija), f'Limassol, ir-Repubblika ta' Ċipru, nhar l-4 - 5 ta' Ottubru, organizzat b'mod konġunt mill-Eurojust, il-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-UE, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Kummissjoni Ewropea. Indirizza l-aħjar prattiki u d-diffikultajiet affaċċjati f'bosta oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, passi ulterjuri possibbli biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni, u l-ħatra ta' punti ta' kuntatt tal-Eurojust fil-ġirien tal-UE fin-Nofsinhar.

*Workshop dwar l-Applikazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assistenza Legali Reċiproka u Estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika* ġie organizzat fil-Eurojust fil-25 - 26 ta' Ottubru b'mod konġunt mill-Eurojust u l-Istati Uniti, b'appoġġ mill-Presidenza Ċiprijotta, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea. Il-workshop indirizza d-diffikulatjiet affaċċjati fil-qasam ta' estradizzjoni u l-MLA, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-konfiska u l-irkupru ta' assi, l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberkriminalità u l-iskambju ta' evidenza elettronika.

Il-Eurojust baqgħet tappoġġja inizjattivi fil-Balkani, inkluż il-proġett tal-Kummissjoni Ewropea, *Ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni: Tisħiħ tan-Netwerk tal-Prosekuturi*.

Għal informazzjoni fuq ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet li jinvolvu Stati terzi u r-rwol tal-Prosekuturi ta' Kollegament minn Stati terzi sekondati lill-Eurojust, *ara* t-taqsima 1.5.



# Id-Deċiżjoni tal-Eurojust u l-ġejjieni

3

## 3.1 L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Eurojust

20 Stat Membru kellhom bżonn leġiżlazzjoni biex il-liġi nazzjonali ssir konformi mad-Deċiżjoni tal-Eurojust sad-data ta' skadenza tal-2011. Madankollu, sa tmiem l-2012, kienu biss 12-il Stat Membru li implimentaw bis-sħiħ id-Deċiżjoni tal-Eurojust (7 b'mod leġiżlattiv u 5 b'mod amministrattiv), 4 Stati Membri kienu implimentawha b'mod parzjali, u fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri, 11 kienu għadhom ma implimentawhiex.

Il-Eurojust lestiet bosta proġetti relatati mal-implimentazzjoni internazzjonali tad-Deċiżjoni tal-Eurojust. Issa, is-Sistema ta' Koordinazzjoni tal-Għassa, li bdiet topera fl-2011, qed taħdem bis-sħiħ, biex b'hekk il-Eurojust tkun tista' tiġi kkuntattjata l-ħin kollu b'xejn permezz ta' numru tat-telefown internazzjonali.

Il-Eurojust baqgħet tiżviluppa s-CMS tagħha, kif ukoll il-formola PDF "intelliġenti" tagħha tal-Artikolu 13, li ġiet żviluppata fl-2011 biex tħaffef trasmissjoni strutturata tal-informazzjoni minn dawk li jaħdmu fil-qasam lill-Eurojust u, wara talbiet mill-utenti, ittejbet fl-2012 b'Verżjoni 2.0 li tista' tiġi importata b'mod semiawtomatiku fis-CMS.

Wieħed mill-iktar żviluppi importanti fl-Istati Membri fl-2012 kienet l-evoluzzjoni tal-ENCS. Il-Eurojust iddedikat iktar ħidma għall-konnessjoni teknika bejn il-membri tal-ENCS fl-Istati Membri u s-CMS tal-Eurojust biex tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti u sabiex trendi t-trasmissjoni ta' informazzjoni kemm iktar sigura kif ukoll konvenjenti. Fil-perjodu qasir, din il-konnessjoni ser tħaffef sigurtà ikbar għat-trażmissjonijiet bil-posta elettronika, filwaqt li fit-tul, il-konnessjoni tippermetti lill-membri tal-ENCS fl-Istati Membri sabiex ikunu llinkjati mas-CMS. Hemm konnessjonijiet fis-seħħ mal-Bulgarija u r-Rumanija. Daqt ser isegwuhom Stati Membri oħrajn.

L-ewwel laqgħa tal-Korrispondenti Nazzjonali għall-Eurojust saret fil-Eurojust fit-12 ta' Novembru. L-għan tal-laqgħa kien li jiġu diskussi u skambjati l-aħjar prattiki u esperjenzi. Il-laqgħa ffokat fuq is-sitwazzjonijiet tat-twaqqif u t-tħaddim tal-ENCS fl-Istati Membri, l-iskambju tal-informazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, l-użu tal-formola PDF "intelliġenti" tal-Artikolu 13 tal-Eurojust, rispons mill-Eurojust fuq il-bażi tal-Artikolu 13a, u s-sitwazzjoni attwali tal-konnessjoni teknika bejn l-ENCS u s-CMS tal-Eurojust. Il-*fiches suédoises*, żviluppati mill-Eurojust biex tingħata ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-ENCS fl-Istati Membri, tnedew fl-2008 taħt il-Presidenza Żvediża tal-UE u ġew aġġornati b'mod regolari.

Bosta Stati Membri rrapportaw li kellhom ENCS fis-seħħ, iżda ftit li xejn esperjenza sa dakinhar jew xejn affattu, minħabba t-twaqqif riċenti tagħha. F'ċerti Stati Membri, l-ENCS twaqqfet b'konformità stretta mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust (jiġifieri huma biss dawk il-kategoriji ta' membri msemmija fid-Deċiżjoni tal-Eurojust li huma inklużi fl-ENCS). Stati Membri oħrajn għażlu approċċ usa', u jew inkludew fl-ENCS rappreżentanti ta' aġenziji oħrajn mhux imsemmija fl-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Eurojust jew inkella stidnuhom f'laqgħat tal-ENCS, bħal rappreżentanti minn aġenziji ta' infurzar tal-liġi li jittrattaw reati finanzjarji, u punti ta' kuntatt għall-OLAF u l-Europol.

## 3.2 Is-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar l-implimentazzjoni prattika u t-tħaddim fl-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet dwar il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

F'Ġunju 2011, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL) iddeċieda li s-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi għandha tkun iddedikata għall-implimentazzjoni u t-tħaddim prattiċi fl-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet fuq il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.

L-Istati Membri kollha ser jiġu evalwati fuq tliet snin (2012 - 2014). Kull Stat Membru jipprovdi tweġibiet bil-miktub għal kwestjonarju tal-Kunsill, u mbagħad jirċievi żjara minn tim ta' evalwazzjoni msawwar minn tliet esperti minn Stati Membri oħrajn u osservaturi mill-Kummissjoni, il-Eurojust u l-Europol. Il-Eurojust ipprovdiet ukoll tweġibiet għal kwestjonarju speċifiku indirizzat lilha li jittieħdu f'kunsiderazzjoni mit-timijiet ta' evalwazzjoni li jieħdu sehem fiż-żjarat f'kull Stat Membru.

Matul l-2012, ġew evalwati l-Iżvezja, il-Litwanja, il-Belġju, l-Estonja, ir-Repubblika Slovakka, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija u l-Awstrija. Wara żjarat fuq il-post fl-Istati Membri, l-esperti – bl-assistenza tal-osservaturi – jiktbu rapporti ta' evalwazzjoni bbażati fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarji u s-sejbiet miż-żjarat ta' evalwazzjoni. Ir-rapporti finali huma ppreżentati lill-GENVAL.

## 3.3 It-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust

It-Task Force dwar il-Ġejjieni tal-Eurojust kompliet bir-riflessjonijiet u l-attivitajiet tagħha dwar ir-riforma tal-Eurojust fid-dawl tal-Artikolu 85 tat-TFUE u lejn it-twaqqif ta' EPPO "mill-Eurojust", kif previst mill-Artikolu 86 tat-TFUE.

Il-Eurojust ikkonkludiet kunsiderazzjonijiet inizjali rigward l-istruttura tagħha fil-ġejjieni, billi bniet fuq prinċipji ta' governanza pubblika solida u l-indipendenza tal-ħidma operazzjonali tad-Desks Nazzjonali, u ppreżentat kontribuzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fejn issuġġerixxiet stabbilimenti possibbli ta' governanza. It-tieni kontribuzzjoni kkonċernat l-involviment tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust.

## 3.4 Il-konferenza fuq *Għaxar snin tal-Eurojust, kisbiet operazzjonali u sfidi tal-ġejjieni*

Kemm il-kompetenza miksuba mill-Eurojust fil-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet ta' reati serji fl-aħħar deċennju kif ukoll il-perspettivi tal-ġejjieni tagħha ġew diskussi matul konferenza f'Novembru, organizzata mill-Eurojust bl-appoġġ tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA), bl-isem *Għaxar snin tal-Eurojust, kisbiet operazzjonali u sfidi tal-ġejjieni*. Il-konferenza ġabret flimkien rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi relevanti fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, rappreżentanti mill-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali ġudizzjarji, esperti akkademiċi u Membri Nazzjonali attwali u wħud li m'għadhomx. Għall-ewwel darba, avveniment tal-Eurojust kien miftuħ għall-pubbliku ġenerali wkoll.

Il-parteċipanti kkonfermaw li l-laqgħat ta' koordinazzjoni, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni u l-appoġġ għall-JITs tqiesu bħala għodod effettivi biex jingħelbu n-nuqqasijiet affaċċjati fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transnazzjonali kontra l-kriminalità transkonfinali serja.

Il-parteċipanti saħqu li t-titjib fl-istruttura interna u kontroll parlamentari tal-Eurojust għandhom ikunu akkumpanjati mill-effettività operazzjonali msaħħa tagħha fil-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, possibilment inklużi fil-ġejjieni l-ftuħ ta' investigazzjonijiet u s-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

Fil-kuntest tal-Artikolu 86 tat-TFUE, inxteħet enfasi fuq il-ħtieġa ta' qafas koerenti u rabtiet mill-qrib bejn il-Eurojust u l-EPPO u atturi relevanti oħrajn fil-qasam, bħall-OLAF u l-Europol, biex jinkiseb għan komuni, eż. jiġi miġġieled il-frodi kontra l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod iktar effettiv.

Il-parteċipanti qablu li EPPO fil-ġejjieni għandu jibni fuq strutturi, esperjenza u kompetenza eżistenti u jsir parti minn sistema koerenti fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Qablu wkoll li l-Eurojust ser ikollha rwol kruċjali fl-EPPO tal-ġejjieni u fir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali tal-Istati Membri u l-Istati terzi.



# L-iżviluppi amministrattivi

4

# 4.1 L-iżviluppi amministrattivi

Il-Pjan ta' Ħidma Annwali u l-pjanijiet operazzjonali fil-livell unitarju huma komponent importanti fl-ippjanar strateġiku u ċ-ċiklu ta' programmazzjoni tal-Eurojust u l-bażi tal-baġit ibbażat fuq l-attività tal-Eurojust. Għaddej xogħol biex jitjiebu l-għodod disponibbli għall-iżgurar ta' ppjanar effettiv, ibbaġittjar kosteffiċjenti u ġestjoni tal-prestazzjoni.

L-attivitajiet ippjanati tal-Eurojust fl-2012 inkisbu b'forza tax-xogħol b'post tax-xogħol regolari fl-Aja ta' 274, li jinvolvu 45 prosekutur, imħallef u uffiċjal tal-pulizija ta' kompetenza ekwivalenti sekondata lill-Eurojust mill-Istati Membri, 12-il Espert Nazzjonali Sekondat u 217-il membru tal-persunal. Il-baġit tal-Eurojust għall-2012 kien ta' EUR 32 967 000; l-implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 98%.

Fil-qafas tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust, sar għadd ta' laqgħat tal-maniġment u skambju regolari ta' informazzjoni u konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, id-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust u l-Kapijiet tal-unitajiet u s-Servizzi. Id-djalogu iktar spiss kien ta' benefiċċju reċiproku, speċjalment fi żmien ta' restrizzjonijiet finanzjarji u diskussjonijiet fuq ir-regolamenti l-ġodda għall-Eurojust.

Il-Eurojust ħadet sehem fi ħdan il-qafas tal-attivitajiet tal-Aġenziji tal-ĠAI f'laqgħat ta' esperti dwar l-ippjanar strateġiku. Il-Eurojust ikkonsultat ukoll lil aġenziji oħrajn fuq il-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2014.

Il-Eurojust għamlet progress fil-qafas tar-Reviżjoni tal-Istruttura Organizzazzjonali (OSR), inkluża l-migrazzjoni tal-Amministrazzjoni tal-Eurojust fi struttura oħra. Il-proċess ta' migrazzjoni segwa pjan ta' reklutaġġ, immexxi minn serje ta' proċeduri ta' għażla interni u esterni. Inkluża fil-volum il-kbir ta' proċeduri tal-għażla assoċjati ma' din il-migrazzjoni, tlestiet l-għażla tal-Kap tal-Appoġġ Operazzjonali.

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tal-Eurojust, adottat mill-Kulleġġ f'Ottubru 2012, jinkludi serje ta' attivitajiet biex jissaħħu r-relazzjonijiet mal-imsieħba tal-UE, il-partijiet interessati u l-midja, u jistabbilixxi database ta' illustrazzjonijiet ta' każijiet biex tiżdied il-viżibilità tax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet. Il-websajt ġdida tal-Eurojust tnediet fi Frar 2012 fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 anniversarju tal-Eurojust.

It-tim tad-disinjar rebbieħ għall-bini l-ġdid tal-Eurojust ingħażel mill-Eurojust u l-Istat Ospitanti kmieni fl-2012, u kompla jaħdem fuq id-definizzjonijiet tar-rekwiżiti u d-disinn finali tal-bini l-ġdid, li għandu jitlesta fi tmiem l-2013. Skont l-iskeda tal-pjanijiet, il-bini l-ġdid tal-Eurojust ser jintemm sa tmiem l-2015.

# 4.2 L-aċċess pubbliku għad-dokumenti

In-numru ta' talbiet għall-aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti tal-Eurojust żdied fl-2012, u ammonta għal sbatax-il talba inizjali u applikazzjoni konfermatorja waħda. Erbatax mit-talbiet inizjali waslu direttament għand il-Eurojust. Il-Eurojust ġiet ikkonsultata bħala parti terza fi tliet każijiet oħrajn, wara talbiet riċevuti minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħra.

F'sebgħa mit-tmien talbiet mhux relatati ma' każijiet, l-aċċess ingħata bis-sħiħ. F'talba minnhom, l-aċċess ġie rifjutat b'mod parzjali minħabba li divulgazzjoni sħiħa kienet ixxekkel is-sigurtà pubblika, it-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust fit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u s-sodisfazzjoni tar-regoli applikabbli dwar is-segretezza professjonali (skont l-artikolu 4(1)(a), l-ewwel, il-ħames u s-seba' inċiżi tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust).

Fir-rigward tas-sitt talbiet ta' aċċess għal dokumenti relatati ma' każijiet, talba minnhom intlaqgħet b'mod parzjali; ir-rifjut f'uħud mid-dokumenti mitlubin (jew partijiet minnhom) ġie deċiż fuq ir-raġunijiet tal-

protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi u l-protezzjoni tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Eurojust (skont l-artikoli 4(1)(b) u 4(3) tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust). F'talba oħra, il-Eurojust ma kienx għad għandha d-dokumenti mitlubin. Fl-erba' talbiet li fadal ta' aċċess għal dokumenti relatati ma' każijiet, l-aċċess ġie rifjutat minħabba li l-ħruġ tagħhom ikun ixekkel il-protezzjoni tal-interess pubbliku rigward it-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust fit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet nazzjonali li

## Kapijiet tal-Unitajiet u s-Servizzi tal-Eurojust



*Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin:* Jacques Vos, Servizzi Korporattivi; Joannes Thuy, Spokesperson, Stampa u PR; Diana Alonso Blas, Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data; Carla Garcia Bello, Segretarja Legali mal-Kulleġġ; Alinde Verhaag, Analiżi tal-Każijiet; Anna Baldan, Koordinatriċi tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs; Klaus Rackwitz, Direttur Amministrattiv; Catherine Deboyser, Servizzi Legali; Jon Broughton, Ġestjoni tal-Informazzjoni; Mike Moulder, Baġit, Finanzi u Akkwisti; Linda Scotts, Riżorsi Umani; Matevž Pezdirc, Koordinatur tan-Netwerk tal-Ġenoċidji; Fatima Martins, Segretarja għall-NĠE

## Amministrazzjoni tal-Eurojust 2013



fihom tassisti l-Eurojust, u s-sodisfazzjoni tar-regoli applikabbli dwar is-segretezza professjonali (skont l-artikolu 4(1)(a), il-ħames, is-sitt u s-seba' inċiżi tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust), l-integrità tal-individwi (skont l-Artikolu 4(1)(b) tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust) u/jew il-protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Eurojust (Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni li jiġu Adottati Regoli Rigward l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-Eurojust).

It-tliet talbiet l-oħrajn għall-aċċess irriferew għal kwistjonijiet kriminali jew investigazzjonijiet kriminali ġenerali, iżda jew kienu jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Eurojust jew irriferew għal każijiet li l-Eurojust ma kinitx assistiet. Għalhekk, il-Eurojust ikkomunikat lill-applikanti li ma kien hemm ebda dokumenti disponibbli.



# Is-segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fis-6 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill tal-ĠAI adotta Konklużjonijiet dwar l-għaxar Rapport Annwali tal-Eurojust (10360/12). Bħal fis-snin ta' qabel, il-Eurojust tirrapporta fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet. Hawn taħt tingħata tabella li tindika fejn tista' tinkiseb iktar informazzjoni fl-oqsma li fihom il-Kunsill ta rakkomandazzjonijiet.

| Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill | Is-segwitu |
|---|---|
| Biex jissaħħaħ l-użu tal-vidjowkonferenzi. | Għad li m'hemm ebda figuri disponibbli, ġie osservat użu iktar spiss mid-Desks Nazzjonali tal-apparat ta' vidjowkonferenza f'laqgħat ta' koordinazzjoni, ċentri ta' koordinazzjoni u laqgħat mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. |
| L-iżvilupp tal-użu ta' ċentri ta' koordinazzjoni u r-rapportar fuq l-użu prattiku u l-valur tiegħu għat-twettiq tal-investigazzjonijiet. | Fl-2012 ġew organizzati seba' ċentri ta' koordinazzjoni. Ara t-taqsima 1.4. |
| L-appoġġ imsaħħaħ għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-JITs bil-għan li jiġu żviluppati l-aħjar prattiki u tinqasam informazzjoni fuq esperjenza ġudizzjarja u riżultati tal-każijiet. | Il-Eurojust ħadet sehem f'47 JIT u ffinanzjat 62 fl-2012. Ara t-taqsimiet 1.4 u 1.6 (Netwerk tal-JITs). |
| Żamma tal-prattika tagħha ta' assoċjazzjoni tal-Europol fil-proċess ta' koordinazzjoni. | Il-Europol ħa sehem f'laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust f'85 każ. Ara t-taqsima 2.3. |
| Rapportar fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(3) tal-EJD fir-rigward tal-EAW. | Ara t-taqsima 1.2. |
| Perfezzjonar tal-kapaċitajiet tagħha biex tirrapporta fuq diffikultajiet, soluzzjonijiet u xejriet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. | Ara t-taqsima 1. |
| Rapportar fuq l-użu tal-formola PDF fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-EJD u speċifikazzjoni ta' kemm isir skambju ta' informazzjoni. | Ġie żviluppat mudell elettroniku. L-aħħar verżjoni tippermetti li tiddaħħal dejta b'mod awtomatiku fis-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet. Ara t-taqsima 3.1. |
| Żgurar ta' finalizzazzjoni fil-ħin ta' proġett tal-EPOC IV. | Il-konklużjoni tal-proġett ħabtet mal-Konferenza finali tad-29 u t-30 ta' Marzu 2012 f'Noordwijk, il-Pajjiżi l-Baxxi. |
| Tlestija tal-proċess ta' implimentazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tal-konnessjoni sigura li tippermetti l-aċċess għas-CMS fil-livell nazzjonali. | B'kollox, 11-il Stat Membru għadhom iridu jimplimentaw. Ara t-taqsima 3.1 (Konnessjoni sigura mas-CMS fil-livell nazzjonali). |
| Rapportar fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 13a fir-rigward tal-informazzjoni u r-rispons ipprovdut lill-awtoritajiet nazzjonali. | Rispons permezz ta' rapport annwali u rapporti strateġiċi fuq reati serji (traffikar ta' droga, THB). Anki permezz ta' għarfien ta' rabtiet u analiżi kontroreferenzjali u skambju ta' informazzjoni matul laqgħat ta' koordinazzjoni. Ara t-taqsima 3.1. |



# Anness: L-istatistiki għall-2012

## *Figura 1 - L-evoluzzjoni tal-każijiet 2002-2012*

Il-Eurojust irreġistrat 1 533 każ fl-2012, u b'hekk żammet ix-xejra ta' żieda li qabdet mill-2002 fin-numru ta' riferimenti għal assistenza mill-Istati Membri. Madwar 20% ta' dawn il-każijiet involvew tliet pajjiżi jew iktar.




## *Figura 2 - Il-każijiet bilaterali/multilaterali għal kull Desk Nazzjonali 2012*

Il-figura turi n-numru ta' każijiet bilaterali u multilaterali rreġistrati minn kull Desk Nazzjonali fl-2012. Każ bilaterali ma jfissirx li huwa kkonċernat reat inqas serju jew li huwa xieraq involviment limitat mill-Eurojust. Każ bilaterali fil-Eurojust jista' jkun multilaterali fi Stat Membru.



## *Figura 3 - Il-każijiet miftuħin/magħluqin 2003-2012*

Il-volum ta' każijiet tad-Desks Nazzjonali mhuwiex affettwat biss min-numru ta' każijiet irreġistrati f'sena, iżda anki minn każijiet kurrenti mis-snin ta' qabel. Il-Eurojust għandha b'kollox 575 każ pendenti mis-snin ta' qabel (2003-2011) li kienu għadhom jeħtieġu attenzjoni u assistenza.




## *Figura 4 - Il-klassifikazzjoni ġenerali tal-każijiet*




Skont l-artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, il-kompetenza ġenerali tal-Eurojust tkopri t-tipi ta' kriminalità u reati li fir-rigward tagħhom il-Europol huwa dejjem kompetenti li jaġixxi u reati oħrajn imwettqa flimkien ma' dawn it-tipi ta' kriminalità u reati. Għal tipi oħrajn ta' reati, il-Eurojust, skont l-għanijiet tagħha, tista' tassisti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru b'konformità mal-artikolu 4(2). Il-Eurojust tista' tintalab minn Stat Membru sabiex tipprovdi assistenza fi kwistjonijiet jew suġġetti ta' għamla iktar ġenerali, mhux bilfors direttament relatati ma' każ operazzjonali kurrenti, *inter alia*, li jikkonċerna leġiżlazzjoni jew proċeduri nazzjonali (każijiet ta' suġġett legali).

## *Figura 5 - It-tipi ta' reati ta' prijorità f'każijiet tal-Eurojust*

L-oqsma prijoritarji operazzjonali adottati mill-Eurojust fl-2012-2013 ikopru traffikar ta' droga, kutrabandu illegali ta' immigranti, traffikar tal-bnedmin, terroriżmu, frodi, korruzzjoni, ħasil tal-flus, ċiberkriminalità, reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u attivitajiet oħrajn relatati mal-preżenza ta' gruppi tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija.

Il-figura turi n-numru ta' drabi li dawn it-tipi ta' reati kienu involuti fil-każijiet irreġistrati fil-Eurojust fl-2011 u l-2012. Każ minnhom jinvolvi iktar minn tip wieħed ta' reati. Tista' tinkiseb iktar informazzjoni fis-sottotaqsimiet relevanti tat-taqsima 1.




## *Figura 6 - It-tipi ta' reati prijoritarji u tipi oħrajn ta' reati f'każijiet tal-Eurojust*




L-oqsma prijoritarji operazzjonali adottati mill-Eurojust fl-2012-2013 ikopru traffikar ta' droga, kutrabandu illegali ta' immigranti, traffikar tal-bnedmin, terroriżmu, frodi, korruzzjoni, ħasil tal-flus, ċiberkriminalità, reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u attivitajiet oħrajn relatati mal-preżenza ta' gruppi tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija.

Il-figura turi n-numru ta' drabi li t-tipi ta' reati fl-oqsma prijoritarji, kif ukoll tipi oħrajn ta' reati, kienu involuti fil-każijiet irreġistrati fil-Eurojust fl-2011 u l-2012. Każ minnhom jista' jinvolvi iktar minn tip wieħed ta' reati.

## *Figura 7 - Il-każijiet tal-Eurojust - il-pajjiżi li jagħmlu talbiet*

Il-figura turi n-numru ta' drabi li ntalbet l-assistenza tal-Eurojust skont kull Stat Membru fl-2011 u l-2012.




## *Figura 8 - Il-każijiet tal-Eurojust - il-pajjiżi li sarulhom talbiet*

Il-figura turi n-numru ta' drabi li ntalbet l-assistenza tal-awtoritajiet permezz tal-Eurojust f'kull Stat Membru fl-2011 u l-2012.



## *Figura 9 - In-numru totali ta' laqgħat ta' koordinazzjoni*

Il-figura turi n-numru ta' każijiet li kienu jeħtieġu laqgħa ta' koordinazzjoni. Normalment, il-laqgħat ta' koordinazzjoni jsiru fil-bini tal-Eurojust fl-Aja. F'ċerti sitwazzjonijiet, il-laqgħat ta' koordinazzjoni jsiru barra l-Eurojust, fi Stat Membru jew Stat terz.




## *Figura 10 - Il-laqgħat ta' koordinazzjoni - il-pajjiżi li jagħmlu talbiet*

Il-figura turi n-numru ta' każijiet li kienu jeħtieġu laqgħa ta' koordinazzjoni wara talba għall-assistenza minn kull Stat Membru jew Stat terz.



## *Figura 11 - Il-laqgħat ta' koordinazzjoni - il-pajjiżi li sarulhom talbiet*

Il-figura turi n-numru ta' drabi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ħadu sehem f'laqgħa ta' koordinazzjoni tal-Eurojust fuq każijiet li kienu jeħtieġu koordinazzjoni wara li ntalbu għall-assistenza.



© 2013 Eurojust

*Id-drittijiet kollha riżervati. L-ebda parti ta' din il-publikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta u użata fl-ebda forma b'xi mezz ta' grafika, elettronika jew mekkanika, inkluż l-ikkupjar bil-karti, rekordjar jew ħażna ta' informazzjoni u sistemi li jiksbu lura l-informazzjoni, mingħajr il-permess tal-Eurojust.*

Edituri: Deborah de Jonge, Jacalyn Birk
Disinn/Ippubblikar fuq id-desktop: Michèle Wilks-Speer
Hajr - ritratti: Michel Mees, Joannes Thuy, Leen De Zutter

ISBN 978-92-95084-39-1
9 789295 084391
ISSN: 1831-4341
DOI: 10.2812/53783

Production: euroscript Luxembourg S.à r. l. - www.euroscript.com

**EUROJUST**

Maanweg 174, 2516 AB The Hague, Netherlands
Phone: +31 70 412 5000 - E-mail: info@eurojust.europa.eu - Website: www.eurojust.europa.eu